# IL-PONT

rivista letterarja elettronika miġbura minn Patrick Sammut
literary online magazine compiled by Patrick Sammut

Nu. 60– **MARZU 2021**

# werrej

| | |
|---|---|
| **L-Editorjal** | **2** |
| **L-Aħbarijiet** | **3** |
| **Reazzjonijiet** | **6** |
| **L-Intervisti** | **12** |
| **Traduttur Barrani tal-Malti u Mons. Lwiġi Vella** | **25** |
| **L-Akkademja tal-Malti tagħlaq 100 sena** | **27** |
| **Ktieb ġdid ta' Horatio C.R. Vella** | **29** |
| **Midalja tad-Deheb lil Lina Brockdorff** | **30** |
| **Carmen Dimech dwar Oliver Friggieri** | **34** |
| **Victor V. Vella dwar il-kitba ta' O. Friggieri** | **35** |
| **Id-Dumnikan Baskal Vassallo** | **37** |
| **John C. Cremona u l-esperjenza poetika** | **39** |
| **Il-Poeżiji** | **42** |
| **Versi lil hinn minn xtutna** | **45** |
| **Minn fuq l-ixkaffa** | **46** |







Min jixtieq jikkontribwixxi f'IL-PONT b'materjal ta' livell, mhux twil u adatt jista' jibagħtu direttament lill-Editur fl-indirizz **sammutpatrickj@gmail.com**

Aktar kemm jgħaddi ż-żmien aktar qed jinħass il-bżonn li toħroġ għad-dawl l-Istorja tal-Letteratura Maltija SĦIĦA, mhux parzjali, u skont il-preferenzi jew l-għarfien "limitat" (vast kemm jista' jkun vast) ta' ċerti dutturi u professuri tal-mument li minħabba raġunijiet diversi jberrħu għad-dawl ċerti ismijiet filwaqt li jagħtu l-ġenb lil ismijiet daqstant, jekk mhux iktar, f'ċerti każi, denji li jiġu inklużi bħala parti importanti mill-Istorja letterarja Maltija. Parti minn din l-istorja għandha tiġi ddedikata wkoll lill-bosta kittieba u poeti nisa li ilhom jagħtu l-kontribut tagħhom fil-qasam letterarju minn żmien twil ilu.

Fuq nota differenti, hija ħaġa sabiħa li tara tagħrif dwar kotba ppubblikati fil-gazzetti li jmur lil hinn mis-soltu paġna letterarja jew taqsima kulturali u jifrex fuq paġni oħrajn. L-imħabba ġenwina lejn il-ktieb hija xi ħaġa li l-poplu Malti jeħtieġ jerġa' jiskopri bil-mod il-mod. U hawn żgur li jistgħu jagħtu daqqa t'id il-mezzi tal-komunikazzjoni. Fil-fatt qed jiżdiedu produzzjonijiet televiżivi li jittrattaw kittieba u kotba diversi. Mill-ġdid però: programmi bħal dawn m'għandhomx jillimitaw ruħhom għas-soltu tuzzana kittieba ultra magħrufin, imma jwessgħu dejjem iktar l-għażla tagħhom.

Għadda wkoll minn moħħi ħsieb ieħor: kotba ta' Oliver Friggieri hawn ħafna. Li għadha ma ħarġitx għad-dawl hija pubblikazzjoni - jew iktar minn waħda - li tiġbor fiha dak li kiteb Friggieri fil-gazzetti u rivisti lokali matul ħajtu. Dan għandu jkun lok għal riċerki li jistgħu jsiru minn studenti tad-Dipartiment tal-Malti fil-Fakultà tal-Arti tal-Università ta' Malta, imma anki għal inizjattivi min-naħa ta' djar tal-pubblikazzjoni interessati.

Ħaġa oħra. Huwa tajjeb li min għandu l-awtorità jqassam finanzi biex jinxtraw kotba ta' kittieba differenti biex jitqassmu fil-libreriji pubbliċi u fl-iskejjel. Huwa tajjeb ukoll li entitajiet oħra jqassmu l-eluf ta' ewro lil entitajiet kulturali u letterarji diversi biex jissaħħu proġetti ta' natura letterarja. Li mhux sewwa hu li sena wara sena wara sena, jekk wieħed jagħmel riċerka sewwa, jinduna li dawn l-eluf kbar qed jingħataw dejjem lil bejn wieħed u ieħor lill-istess entitajiet, gruppi ta' persuni jew individwi, mela lill-istess ismijiet u wċuħ. Għaliex dan?

Dawn huma l-istess individwi u entitajiet li jiftaħru kemm iħobbu l-qasam letterarju Malti fuq il-mezzi tal-komunikazzjoni, inklużi l-gazzetti, it-televiżjoni, ir-radju u s-siti soċjali virtwali, ladarba dawn l-istess mezzi jibqgħu iħabbtu l-bieb tagħhom, u tagħhom biss ġimgħa wara ġimgħa, xahar wara xahar, u sena wara l-oħra. Imma meta tiġi għall-essenzjali tinduna li bosta minn dawn l-istess entitajiet u individwi qatt ma għamlu xejn għal xejn: l-imħabba tagħhom lejn il-Malti u l-letteratura Maltija tiddependi fuq il-flus li qed jiġu ppumpjati lilhom minn sorsi differenti, u dan kif dejjem ngħid, bis-saħħa ta' ħbieb ta' ħbieb ta' ħbieb li jinsabu fil-postijiet ideali biex dan kollu jseħħ.

Hemm il-ħtieġa urġenti li min hu fil-quċċata tat-tmexxija u responsabbli għal oqsma bħal dawn jibda jħares lil hinn mill-ewwel filliera ta' kittieba, pubblikaturi u l-bqija, iġebbed ftit għonqu u jħares f'għajnejn dawk li jinsabu fit-tieni, fit-tielet u fil-fillieri ta' wara wkoll, jinżel minn fuq il-pedestall u jesperjenza wiċċ imb wiċċ - hu u mhux l-ambaxxaturi tiegħu - djalogu u laqgħa mal-bosta kittieba li għal snin twal tqiegħdu fid-dell jew iġġenbu minħabba kwistjonijiet u aġendi diversi, magħrufa u moħbija. Hekk biss dawn l-eluf ta' ewro jibdew jitqassmu b'mod iktar egwali; hekk biss jibdew joħorġu l-ilwien differenti tal-letteratura Maltija kontemporanja. Il-"kbar" qed jieklu u jitħanżru, filwaqt li ż-"żgħar" tkeċċew jew jifirħu bil-frak li jaqa' minn fuq il-mejda anki fil-qasam tal-letteratura lokali. U dan mhux sewwa. IL-PONT ikompli jtanbar fuq punti bħal dawn u jinkoraġġixxi u jagħti spazju qabel kollox liż-"żgħar" u lil dawk li xi darba jew għal xi raġuni jew oħra ġew mogħtija l-ġenb.

Fuq nota pożittiva, kif dejjem nikteb, IL-PONT jieħu sigħat u ġranet twal biex jitlesta. Fażi importanti tkun dik tal-qari tal-provi. Waqt din il-fażi nerġa' naqra l-materjal kollu, inklużi l-intervisti ma' kittieba differenti. Din l-edizzjoni qed tinkludi ħames kittieba differenti. Kemm nieħu gost naqra t-tweġibiet tagħhom li jistiednu għar-riflessjoni u fl-istess ħin jgħinu lill-qarrej jifhem aħjar x'tip ta' persuna hija min qed iwieġeb. Daqstant ieħor nieħu gost naqra iktar minn darba r-rakkonti, is-saġġi, l-artikli ta' riċerka u l-poeżiji li kontributuri differenti - li dejjem qed jiżdiedu - qed jibagħtu regolarment. Kemm tagħrif, kemm għerf, kemm emozzjonijiet, esperjenzi, tiġrib, u l-bqija, jiġbru fihom dawn il-kitbiet kollha! IL-PONT iħeġġeġ għalhekk biex tkomplu tikkontribwixxu u tħajru lil iktar qarrejja biex ikunu parteċipi minn din l-inizjattiva editorjali li qed tilħaq irkejjen differenti tad-dinja. Minn hawn GRAZZI.

Minn hawn, SAĦĦA lilkom ilkoll u ibżgħu għalikom u għall-proxxmu fi żminijiet ta' pandemija.

**MARIEKE LUCAS RIJNEVELD TIRBAĦ L-INTERNATIONAL BOOKER**



F'Awwissu 2020 il-kittieba Olandiża ta' 29 sena Marieke Lucas Rijneveld rebħet il-premju International Booker, għall-ewwel rumanz tagħha *The Discomfort of Evening* ippubblikat f'pajjiżha fl-2018. B'hekk hija l-iżgħar awtur li qatt rebaħ dan il-premju. *The Discomfort of Evening*, rumanz li għamel suċċess kbir fl-Olanda, jirrakkonta l-istorja ta' Jas, tfajla Nisranija devota f'familja ta' bdiewa, li ħuha jmut f'aċċident wara li tixtieq li jmut hu minflok il-fenek tagħha. Maħkuma min-niket, il-familja tagħha tiżżarma ftit ftit waqt li Jas tinvolvi ruħha f'fantażiji dejjem iktar perikolużi.

**LINA BROCKDORFF - REBBIEĦA TAL-MIDALJA TAD-DEHEB GĦAS-SENA 2020**

Nhar l-4 ta' Novembru, Lina Brockdorff ġiet imħabbra bħala r-rebbieħa tal-Midalja tad-Deheb 'Ġieħ l-Akkademja tal-Malti' għas-sena 2020. Dan sar waqt lejla ta' ġieħ li saret fil-Palazz ta' Sant'Anton taħt il-patroċinju tal-President l-Eċċellenza Tiegħu George Vella, President ta' Malta. Din l-onorifiċenza tingħata lil min ikun iddistingwa ruħu b'ħidma tul ħajtu kollha għall-Ilsien Malti u għal-letteratura Maltija. Lina twieldet l-Isla fil-21 ta' Mejju, 1930. Hija waħda mill-kittieba nisa li l-aktar ilha tikteb kemm proża u poeżiji għal bosta snin. Ħadet sehem fix-xandir billi kitbet u pproduċiet numru kbir ta' programmi fuq ir-Rediffusion bejn is-snin Ħamsin u Sebgħin. Fost dawn il-programmi nsemmu "Ħlieqa Bejnietna," programm ta' *parlour games*; programmi għan-nisa bħal "Quddiem il-Mera," "Nofs Siegħa Flimkien" u "Kwarta Flimkien", "Magic in the Kitchen", u reċti qosra umoristiċi. Kienet l-ewwel kittieba li bdiet taddatta għar-radju xeni drammatizzati minn "Wenzu u Rożi" mill-ktieb ta' George Zammit. Kellha wkoll serje ta' programmi "Inwieġbu lis-semmiegħa." Kitbet numru ta' radjudrammi, fosthom "Il-Fqajjar t'Assisi," radjudramm f'erba' episodji li xxandar kemm fuq l-RTK (1990) kif ukoll fuq il-PBS (1999). Uħud mir-rumanzi tagħha nqraw ukoll fuq radjijiet hawn Malta u fl-Awstralja. Għal bosta snin kitbet u pproduċiet il-programm letterarju tal-Għaqda Letterarja Maltija bl-isem "Mill-Ġnejna Maltija." Kienet il-President tal-istess Għaqda Letterarja Maltija għal tmien snin; hija wkoll membru tal-Akkademja tal-Malti u tal-Għaqda Poeti Maltin. Lina Brockdorff kienet membru tal-kunsill tal-Akkademja tal-Malti 2004–2005. Brockdorff kitbet aktar minn 340 novella, stejjer qosra li bosta minnhom ixxandru fuq radjijiet kemm hawn Malta kif ukoll l-Awstralja, waqt li bosta minnhom kienu ppubblikati fil-ġurnali. Hija awtriċi ta' ħames ġabriet ta' novelli u tnax-il rumanz, apparti l-ktieb awtobijografiku *Sireni u Serenati*.

**IMUT ID-DRAMMATURGU U DIRETTUR TEATRALI CARMEL AQUILINA**



Nhar id-29 ta' Novembru 2020 ħalliena l-kittieb, attur, drammaturgu, għalliem tad-drama, u direttur teatrali Carmel Aquilina. Kellu 74 sena. Huwa twieled fl-1946 fil-Għargħur u fl-1975 waqqaf id-dramm tal-Ġimgħa l-Kbira f'dan ir-raħal. Fl-1979 sar membru tad-drama unit tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni u tutur-direttur fl-Akkademja tal-Arti Drammatika tat-Teatru Manoel. Fost ix-xogħlijiet teatrali tiegħu nsibu *Irġiel tat-Tiben* u *Il-Ġnien u l-Arka*. Idderieġa bosta drammi, fosthom *Menz* ta' Francis Ebejer (1991), *Richard III* ta' Shakespeare (1993), *Is-Surmast* ta' Trevor Żahra (1994), u l-performance *Rewwixta* ta' Oliver Friggieri (1990). Jistrieħ fis-sliem.

## JINGĦATAW ĠIEĦ IR-REPUBBLIKA





**Il-Prof. Charles Briffa**

Bħal kull sena numru ta' personalitajiet ingħataw dan il-ġieħ nhar it-13 ta' Diċembru. Il-PONT jifraħ speċjalment lill-Prof. Charles Briffa u lis-Sur Anthony Cassar Darien li nħatru Membri tal-Ordni Nazzjonali tal-Mertu, u lis-Sur Elio Lombardi li ngħata l-Midalja għall-Qadi tar-Repubblika.

## IR-REBBIEĦA TAL-PREMJU NAZZJONALI TAL-KTIEB 2020

Nhar it-18 ta' Diċembru tħabbru l-finalisti tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2020 li ammontaw għal 44 ktieb. Ir-rebbieħa huma r-rumanz *Il-Wiċċ l-Ieħor* (Horizons) ta' Ġorġ Peresso, il-ġabra ta' novelli *Għall-Glorja tal-Patrija!: Kapriċċi Patrijottiċi* (SKS Publishers) ta' Aleks Farrugia, u l-ktieb ta' drammi *Żewġ Drammi: Appuntamenti/ Repubblika Immakulata* (pubblikazzjoni tal-awtur) ta' Simone Spiteri. Fil-kategoriji tar-riċerka l-ktieb *The Joannes Gennadius Maltese Treasure Trove in Athens* (Malta University Press) ta' Arnold Cassola rebaħ il-Premju għar-Riċerka Ġenerali u l-ktieb *Ir-Redentur: History, Art and Cult of the Miraculous Effigy of Christ the Redeemer at Senglea, Malta* (Midsea Books, il-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Isla) editjat minn Jonathan Farrugia, rebaħ il-Premju għar-Riċerka Bijografika u Storjografika. Il-Premju għal-Letteratura mhux Fittizja ntrebaħ mill-ktieb *Murder on the Malta Express: Who Killed Daphne Caruana Galizia?* (Midsea Books Ltd.) ta' Carlo Bonini, Manuel Delia u John Sweeney. *The Unreality of Realism: An Insular Perspective on the Development of Modern Art* miktub minn Giuseppe Schembri-Bonaci u ppubblikat minn Horizons rebaħ il-Premju għall-Aħjar Produzzjoni ta' Ktieb bl-Isbaħ Dehra. Ma ngħatawx premji fil-kategoriji tat-Traduzzjoni u l-Poeżija bl-Ingliż. John Aquilina rebaħ il-Premju għall-Poeżija bil-Malti għall-ktieb *Tluq* (Edizzjoni Skarta), u ġaladarba kien rebaħ il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb fl-2011 bl-ewwel ġabra ta' poeżiji tiegħu *Leħnek il-Libsa Tiegħi*, ingħata wkoll il-Premju Poeta Lawreat. Il-Premju għall-Aħjar Awtur Emerġenti mar għand Lara Calleja u, finalment, il-Premju Għall-Kontribut Siewi fil-Qasam tal-Kotba u l-Letteratura ngħata lil Trevor Żahra.

## LAQGĦA MUŻIKO-LETTERARJA VIRTWALI BEJN MALTA U L-ITALJA



Nhar it-18 ta' Diċembru ttellgħet virtwalment laqgħa mużiko-letterarja organizzata minn EspRimi (Malta) u l-Laboratorio Poetico E' Valtellina (l-Italja). Waqt din l-okkażjoni nqraw poeżiji kemm bil-Malti kif ukoll bit-Taljan minn membri taż-żewġ assoċjazzjonijiet kulturali, fosthom Dr. Emmanuel Attard Cassar, John Mallia, Patrick J. Sammut - li qara sunett tal-Poeta Nazzjonali Dun Karm Psaila -, Therese Pace, Afred Camilleri, Dr. Ronald Cuschieri - li qara poeżija ta' Joe M. Attard -, Paola Mara De Maestri u Mario Spini. Kien hemm ukoll intervalli mużikali bil-kitarra pprovduti minn Mario Debono. It-tema kienet dik tal-Milied. Iż-żewġ presidenti taż-żewġ għaqdiet, Dr. Emmanuel Attard Cassar u l-poetessa Paola Mara De Maestri rispettivament għamlu diskorsi qosra tal-okkażjoni. Mexxa s-serata Dr. Ronald Cuschieri. Din kienet l-ewwel laqgħa, u ż-żewġ assoċjazzjonijiet qablu li jkun hemm iktar minn dawn fil-ġejjieni.

## IMUT JOHN J. CREMONA

Nhar l-24 ta' Diċembru 2020 ħalla din id-dinja l-eks-Prim Imħallef John J. Cremona fl-età veneranda ta' 102 sena. Huwa serva bħala avukat ġenerali fiż-żmien meta Malta kienet qed tinnegozja l-Indipendenza minn mar-Renju Unit, u abbozza l-kostituzzjoni tal-1964. Kien ukoll l-ewwel Imħallef



John J. Cremona flimkien mal-kelb li tant kien iħobb

Malti li serva fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fi Strasburgu, u eventwalment sar viċi-president. Cremona mexxa wkoll il-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Eliminazzjoni tad-Diskriminazzjoni Razzjali. John J. Cremona kien ukoll poeta li kiteb bil-Malti, bl-Ingliż u bit-Taljan. Ġabriet ta' poeżiji tiegħu huma *Mas-Sebħ Għasafar* (2004), *Poesie. Poems. Poeżiji* (2009) u *Poeżiji* (2018). Huwa twieled fix-Xagħra, Għawdex, fis-6 ta' Jannar 1918. Jistrieħ fis-sliem.

### RIGAL SORPRIŻA MINGĦAND IL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-KTIEB GĦALL-MILIED LILL-AWTURI

Bħalma jsir kull sena, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jipprepara xi ħaġa sabiħa għal żmien il-Milied. Għall-Milied tal-2020 ittieħdet id-deċiżjoni li jintbagħat vawċer ta' €20 lil kull awtur li jinsab fl-iskema tal-Jeddijiet tas-Self Pubbliku (PLR), li seta' jissarraf f'kotba tal-għażla tagħhom. Is-sena 2020 kienet waħda diffiċli għall-industrija tal-kotba minħabba l-imxija Covid-19 u l-kriżi ekonomika li kkawżat. Madankollu s-soċjetà Maltija m'għandhiex il-kumdità tirriskja li titlef l-opportunitajiet intellettwali, kulturali u edukattivi li industrija tal-kotba b'saħħitha tiġġenera. Għalhekk huwa vitali li nissapportjaw lill-industrija u nieħdu ħsieb li terġa' taqbad ir-ritmu u tikber. Il-pubblikaturi ħadmu ħafna fl-2020 biex itejbu s-servizzi tagħhom u jiffukaw fuq il-bejgħ online. Il-KNK ħa din l-okkażjoni biex iħeġġeġ lill-awturi u lill-pubbliku ġenerali biex jixtru l-kotba online mingħand il-pubblikaturi lokali kollha.

### SERATA LETTERARJA VIRTWALI MA' TREVOR ŻAHRA

Nhar it-3 ta' Frar 2021 il-Merlin Publishers organizzaw permezz ta' Zoom lejla virtwali ta' tnedija tal-ktieb ġdid ta' Trevor Żahra , *Sempreviva*. Waqt din il-lejla Chris Gruppetta introduċa u mexxa s-serata, Joseph Galea u Antonella Galea Loffreda, imma anki Trevor Żahra stess qraw xi novelli mill-ġabra. Mistednin kien hemm ukoll numru ta' personalitajiet li kkummentaw dwar Trevor Żahra minn perspettivi differenti, fosthom Clare Azzopardi, Joe Pace, Stephanie Spiteri, Dwayne Ellul, Sergio Grech, Clare Vassallo, u Mario Cassar.

### INTERVISTATA L-POETA SIMONE GALEA

Nhar is-16 ta' Frar 2021, l-Akkademja tal-Malti organizzat attività online fejn David Aloisio - lettur anzjan tal-Lingwa u tal-Letteratura Maltija fil-Junior College tal-Università ta' Malta - intervista lill-poeta Simone Galea dwar il-poeżiji tagħha miġbura f'*Xi drabi mqar persuna* li bħalissa huwa parti mis-sillabu tal-Malti, livelli Avvanzat u Intermedju. L-attività ttellgħet permezz tal-pjattaforma Zoom.

### TMUT IL-KITTIEBA SPANJOLA ISABEL MARTÍNEZ BARQUERO



Nhar id-9 ta' Frar 2020 mietet il-kittieba minn Murcia, Spanja, Isabel Martínez Barquero. Hija kellha 60 sena u hija waħda mill-miljuni ta' vittmi tal-Covid-19 f'inqas minn sena. F'Novembru 2019 hija ħarġet għall-pubbliku ktieb intitolat *La epidemia dl siglo,* rakkont li bih intagħżlet bħala finalista għall-Premju għall-Kreazzjoni Letterarja Fray Luis de León, u dan ftit snin qabel ma l-pandemija laqtet lid-dinja. Rumanzi oħra tagħha huma *Aroma de Vainilla*, *La gloria venindera*, *Linaje oscuro*, u *Lunas de ausencia*.



**Email mingħand Mario Griscti, l-1 ta' Diċembru 2020**

Għażiż Patrick,

Grazzi ħafna ta' IL-PONT, ħarġa Diċembrina 2020. Tmienja u erbgħin paġna imburġati b'tagħrif letterarju u aġġornament li ma tiddejjaq taqra qatt, apparti l-omaġġ xieraq li ngħata lill-Prof. Oliver Friggieri - il-ġgant ġentili tal-letteratura Maltija. Prosit tal-editorjal u l-poeżiji tiegħek. Grazzi talli nkludejt il-poezija tiegħi li fakkret lill-Prof. Friggieri.

Grazzi ħabib u b'Imħabba,
Mario

**Email mingħand Mary Chetcuti, l-1 ta' Diċembru 2020**

Hello Patrick,

Nispera li tinsab tajjeb. Bħal dejjem prosit tal-ġabra letterarja varjata li tħejji għalina filwaqt li nirringrazzjak mill-qalb li ppubblikajt il-kitba li bgħattlek. Laqatni ħafna dak il-ħsieb żgħir tal-mibki Oliver Friggieri dwar l-annimali - għalkemm qatt ma'kelli x-xorti li niltaqa' miegħu jidher li kien bniedem sensittiv ħafna u jħoss għall-ħbieb tagħna l-annimali. Ma niddejjaqx ngħid li dwar dan is-suġġett jiena naħsibha eżattament bħalu li l-annimali huma ħlejjaq innoċenti u ħaqqhom post fil-Ġenna.

Tislijiet
Mary Chetcuti

**Email mingħand Joe Borg, l-1 ta' Diċembru 2020**

Għażiż Patrick,

GRAZZI ta' dan IL-PONT li tassew jgħaqqadna lkoll flimkien virtwalment. Kif mistenni, ħsibt li f'dan l-għadd issellem lill-Prof. Oliver Friggieri, b'għadd sabiħ ta' poeżiji tiegħu kif ukoll ta' oħrajn f'ġieħu.

Imma mhux biss... bħal dejjem, dan IL-PONT huwa miżgħud b'kitbiet oriġinali, apprezzamenti, riċensjonijiet, u b'dak kollu li għandu rabta mal-letteratura u l-ilsien Malti.

Nieħu ħsieb ngħaddih lill-imsieħba tal-Akkademja u l-kuntatti tiegħi kollha.

Saħħiet,
Joe

**Email mingħand Geoffrey G. Attard, l-1 ta' Diċembru 2020**

Għażiż Patrick,

Għal darba oħra grazzi ta' ħarġa oħra mimlija daqs bajda ta' IL-PONT.

In-niket li ħassejt għat-telfa tal-poeta u ħassieb tant imweġġaħ Oliver Friggieri huwa xi ħaġa li ma tistax titfisser bil-kliem. Il-Professur Friggieri bata matul ħajtu kollha minn dakinhar li tilef iż-żewġ subjien tiegħu sa meta politiku magħruf Malti kien qal li min m'għandux x'jagħmel jikteb ktieb. Fih nilmaħ il-poeta tal-imħabba u tat-tbatija. Jibqa' dejjem fit-talb tiegħi!

Grazzi mill-ġdid.

Għoddni tiegħek,
Geoffrey



**Email mingħand Paul Vella, it-2 ta' Diċembru 2020**

Għażiż Patrick,

Għal darb'oħra grazzi tal-ħarġa ta' IL-PONT. Ħarġa interessanti ħafna, speċjalment bil-kontenut dwar il-Prof. Oliver Friggieri li ħalla vojt kbir warajh.

Jien kont nirċievi sikwit mingħandu u kif għidt int l-emails tiegħu dejjem kienu ta' tifħir u inkoraġġiment.

Fl-2009, meta konna bi btala Malta, għamilt kuntatt miegħu u tlabtu biex nintervistah għall-programm tiegħi bil-Malti fuq ir-radju komunitarju f'Melbourne 3ZZZ. Huwa aċċetta mill-ewwel u laqagħni f'daru.

X'ħin fetaħ il-bieb laqagħni l-kelb tiegħu u għidt bejni u bejn ruħi, kif se nagħmel l-intervista jekk ikompli jinbaħ. Imma Oliver żammu f'ħoġru u jmellsu u kollox mar sewwa, għalkemm kull darba, waqt l-intervista, kont inħares lejn Oliver, il-kelb kien jurini snienu. Bniedem veru umli u ma tantx insibu bħalu.

Niftakar meta konna bi btala Malta u konna nkunu fuq ix-xarabank minn Ħal Qormi għall-Belt, kont nara poeżija fuq il-ħġieġ tal-*bus shelter* u kull darba li nieqfu kont naqra strofa oħra. Meta staqsejt qaluli li kienet il-poeżija "Jekk" ta' Oliver. Meta ġejna lura ktibt lil Oliver u staqsejtu fuq din il-poezija u kien tant ġentili li bagħatli ktieb bil-poeżiji tiegħu li għadni ngħożż sal-lum.

Fuq il-programm tiegħi, programm minnhom għamilt numru ta' poeżiji tiegħu moqrija minn Dr Philip Farrugia Randon u fi programm ieħor għamilt l-intervista li kont għamiltlu, intervista interessanti u li hi għal qalbi ħafna u nkompli ngħożż għal dejjem.

Prosit, Patrick, u dejjem nieħu gost nirċievi mingħandek speċjalment IL-PONT.

Paul Vella,
PRO, Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria

**Email mingħand Trevor Żahra, it-2 ta' Diċembru 2020**

Grazzi immensament, għażiż Patrick.

Il-PONT veru qed jiġrilu bħall-inbid ... jitjieb minn ħarġa għal oħra. Dejjem xpakkat b'tagħrif u qari mill-aktar interessanti.

Prosit tassew u grazzi mill-qalb,
Trevor

**Email mingħand Frans Deguara, it-2 ta' Diċembru 2020**

Għażiż Patrick,

Grazzi u prosit ta' ħidmietek. Dwar il-mibki Profs. (anzi Oliver għax hekk kien ikun irid), kont nistenna 'In-Nazzjon' ta' kull nhar ta' Tnejn b'dik ir-rubrika interessanti u bi ħsibijiet profondi li kien jagħtina għall-mistoqsijiet tal-ġurnalista Joe Mikallef... li damet kważi 10 snin (493 ġimgħa) u kollha għadhom għandi.

Jien kelli x-xorti li nkun nafu personalment għal dawn l-aħħar 17-il sena, u ospitani f'daru ħafna drabi, normalment meta kont immur għandu bl-annwal tas-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard tal-Mosta. Kien dejjem jixprunani biex inkompli nikteb... u bil-Malti! U għalkemm kulħadd jaf bil-kapaċità kbira tiegħu fil-kitba u l-pinna prolifika li kellu, għalija l-aktar ħaġa li kienet tolqotni kienet l-umiltà kbira li kien jippossiedi... xi ħaġa rarissima llum il-ġurnata! Għandi 41 biċċa xogħol tiegħu, fosthom xi



25 ktieb, u 16 minnhom iffirmati u datati minnu stess.

Ċertament li nħossuna 'ltiema' wara li tlifna ħabib sinċier u l-gżejjer Maltin tilfu ġgant tal-letteratura Maltija, iżda żgur li mhu se jintesa qatt minħabba x-xogħlijiet kbar u enormi li ħallielna. Agħtih, O Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem. U agħti s-sabar u l-faraġ meħtieġ f'dan il-mument ta' niket lis-Sinjura Eileen, lil bintu Sara, u lill-għeżież kollha tagħhom, wara t-telfa tal-għażiż tagħhom, Oliver.

Frans Deguara.

**Email mingħand Charles Bezzina, it-2 ta' Diċembru 2020**

Għażiż Patrick,

Għal darba oħra IL-PONT huwa mimli b'kitbiet u tagħrif letterarju. Inkun qed nistennieh, għax jiftaħ tieqa ta' kif inhi sejra l-letteratura bħalissa. Il-kitbiet ta' kittieba oħrajn jgħinuk tifhem 'il fejn qed jonfoħ ir-riħ letterarju, u b'hekk tagħraf aktar ix-xejriet li qegħdin jittieħdu f'dik li hija teknika, tema u l-bqija, speċjalment minn dawk l-awturi li għadhom kemm bexxqu tieqa.

Ħaġa li tolqotni ħafna hija s-sezzjoni tal-kotba ġodda li jkunu ħarġu. Ġieli ma nismax b'kull wieħed, u mit-tagħrif li tagħti dwarhom fuq IL-PONT, inżomm ruħi aġġornat b'dak li qiegħed jiġri madwari. Ġieli hawn Għawdex, xi kotba letterarji ma jaslu qatt għand tal-kotba, u trid tkun taf bihom biex tixtrihom. Għall-anqas IL-PONT iwassal din l-informazzjoni.

Grazzi u tislijiet,
Charles

**Email mingħand Joseph Sciberras, it-2 ta' Diċembru 2020**

Grazzi, Patrick.

Jiena napprezza l-ħin u x-xogħol li tieħu biex tipproduċi IL-PONT. Inħossni obbligat lejk li qiegħed iżżomm ġo qalbi l-imħabba għall-kitba bil-Malti.

Kull ħarġa hija interessanti, sabiħa li żżommok bilqiegħda biex taqraha mill-bidu sal-aħħar.

Prosit, Patrick.

Saħħa,
Joseph Sciberras

**Email mingħand Alfred Massa, it-2 ta' Diċembru 2020**

Għażiż Patrick,

Prosit bħal dejjem għall-aħħar ħarġa ta' IL-PONT. Rivista virtwali li qed timla vojt fil-qasam letterarju lokali. Mhux biss qed ittina xogħlijiet varji u ta' klassi, imma qed toffri opportunità lil tant awturi li jesponu xogħlijiethom. IL-PONT hu wkoll vetrina ta' kotba ġodda. Ninnota l-aktar rumanzi. Forsi minflok il-kritika tiegħek kultant iġġib dak li jkun deher f'ġurnali partikolari dwar ċerti kotba. B'hekk, ir-reċensuri jkollhom ukoll sehem mill-materjal ta' livell għoli li IL-PONT jippreżentalna minn ħarġa għal oħra.

Mill-ġdid prosit u awguri.
Alfred



**Email mingħand Lina Brockdorff, it-2 ta' Diċembru 2020**

Għaziz Patrick,

Prosit! Ikolli ngħid li IL-PONT tiegħek dejjem qed jissaħħaħ. Hu l-uniku pont li jgħaqqad b'xi mod lilna l-kittieba, mhemmx ieħor. Meta jasalli nħossni li ninsab tant qrib tal-oħrajn għalkemm ili msakkra ġewwa għal kważi disa' xhur!

Tislijiet,
Lina

**Email mingħand Alan Delia, it-3 ta' Diċembru 2020**

Għażiż Sur Sammut,

Grazzi tar-rivista IL-PONT, li mad-daqqa t'għajn fiha materjal interessanti bħal dejjem.

Aħna lkoll ningħaqdu miegħek fit-tislima tal-memorja tal-Prof. Friggieri li n-nuqqas tiegħu ħalla vojt li mhux se jimtela malajr.

Grazzi mill-ġdid.
Alan Delia
Koeditur
l-aċċent

**Email mingħand Robert Gatt, l-4 ta' Diċembru 2020**

Hello Patrick,

Għandek raġun int ukoll - taqsima dwar Oliver Friggieri f'ħarġa waħda, ma tkunx biżżejjed biex tkopri x'jista' jinkiteb fuqu jew b'apprezzament tiegħu. Qed ngħaddilek il-poeżija, li hi Sunett Petrarkjan.

Nota żgħira min-naħa tiegħi dwar id-data meta ktibt il-poeżija: Għalkemm id-data ta' meta ktibtha, mhijiex fil-jum tal-mewt tiegħu, u forsi din ma taqbilx mat-titlu tas-sunett, li jirreferi għal jum mewtu, jien nemmen li l-ewwel ma tinkiteb il-poeżija hu fil-qalb tal-poeta, u mbagħad biż-żmien, jiġri dak li bl-Ingliż ngħidu għalih "putting pen to paper." Ma naqbilx ma' min imur jiġri jikteb poeżija dwar okkażjoni, dritt wara li din isseħħ, għax dan iġorr ir-riskju li l-poeżija tkun purament okkażjonali u ma tkunx ħierġa mill-qalb, u għalhekk ma tkun poeżija xejn. Minkejja dan, jekk ikun hemm bżonn - lest nimmodifika t-titlu tal-poeżija biex ma jistunax mad-data miktuba, almenu f'għajnejn min jaqraha. Nippreferi hekk milli nbiddel id-data, għax dan ma jkunx b'rispett lejn meta verament ktibtha (minkejja li jien għandi l-vizzju li kemm-il darba nikteb poeżija u ma nagħtihiex data bi traskuraġni).

Narak u nittama li xi darba niltaqgħu fi żminijiet aħjar minn tal-lum!

Tiegħek,
Robert Gatt

**Email mingħand Frank Scicluna, l-4 ta' Diċembru 2020**

Għażiż Patrick

Grazzi ħafna tal-fuljett IL-PONT. Fih ħafna artikli interessanti u naqra minn qoxra sa qoxra.

Frank L. Scicluna
Adelaide – Australia

**Email mingħand Carmen Refalo, il-5 ta' Diċembru 2020**

Grazzi Sur Sammut u prosit tassew. Qed turina li minkejja kollox komplejt tagħmel dil-biċċa xogħol li



tilħaq lil ħafna li jħobbu l-Malti. Jien nitgħallem ħafna minnha. Nixtieqlek is-saħħa, il-paċi tal-qalb u s-sliem.

Inselli għalik,
Carmen

**Email mingħand Therese Vella, il-5 ta' Diċembru 2020**

Għażiż Patrick,

Grazzi ta' IL-PONT. Għadni ma qrajtux imma nħallih għal meta jibdewli l-vakanzi. Ma nafx għedtlekx, imma ilni tliet xhur naħdem fil-librerija ta' kulleġġ hawn il-Qatar.

X'wirt ħallielna l-Profs. Friggieri! Ma jmut qatt... Id-dinja tagħtina ftit nies bħalu u aħna l-Maltin irrispettivament miċ-ċokon tagħna, aħna iffurtunati li kellna u għad għandna nies umli u ta' intellett tant elevat.

Għadni kemm qrajt l-aħbar sabiħa li "Ġieħ l-Akkademja tal-Malti" 2020 ġie mogħti lis-Sinjura Lina Brockdorff. Kemm jien ferħana għaliha!

Saħħa u sliem,
Therese

**Email mingħand Lino Ellul, il-5 ta' Diċembru 2020**

Ircivejt kopja tal-magazine IL-PONT. Nibda biex ngħid, li jiena nemmen li huwa ferm importanti li bniedem għandu jibni Pontijiet li jressquna lejn xulxin, u mhux ħitan li jifirduna minn xulxin. U allura, skont dak li qrajt f`dan il-magazine edukattiv, jiena nemmen li dan huwa l-iskop ewlieni ta` dan il-magazine, li huwa wkoll Għassies tal-Ilsien Malti.

Għalhekk nixtieq ngħid li meta f`IL-PONT qrajt dak l-artiklu dwar l-Apologija ta` Sokrate (traduzzjoni tas-Sur Victor V. Vella), laqtuni dawn iż-żewġ frazijiet bl-Ingliż (li kienu iżolati f`kaxxa oskura) u li jgħidu hekk: "True knowledge exists that you know nothing ... It's better to change an opinion than to persist in a wrong way." Appuntu, jiena nemmen li dan huwa kliem li fih ħafna x`tomgħod għaliex l-għerf la jista` jkollu limitu u lanqas jista` jkun xi monopolju, bla ma jista` jinbidel ħsieb żbaljat!

Fil-fatt jiena nemmen li KULL kittieb li jrid iwassal il-messagg tiegħu jrid ikollu tliet prinċipji fundamentali: l-ewwel irid ikun konvint minn kliemu; it-tieni jrid ikun jaf jissustanzaj dak kollu li jkun qed jgħid, u t-tielet irid ikun lest li jkun kapaċi li jiffaċċja kull xorta ta` polemika, biex b`hekk ikun kapaċi li jiddefendi dak li jkun kiteb. Il-bqija ma jistax jippretendi li huwa għandu jkun kredibbli f`dak li jkun qed jgħid, bla ma ħadd jista` jmerih fl-argumenti tiegħu! Mela dan huwa l-qofol tad-Demokrazija, kif ukoll il-qofol tal-Libertà tal-Espressjoni!

Bir-rispett lejk u lejn kulhadd,
Lino Ellul

**Email mingħand Paul P. Borg, is-6 ta' Diċembru 2020**

X'hemm Patrick, bonġu!

Grazzi tal-ħarga ta' IL-PONT. Ma kellix ħin niktiblek qabel imma ħajr u nifraħlek tal-impenn tiegħek. Ix-xogħol tiegħek hu siewi mhux ftit għax qiegħed jimla vojt kbir fil-qasam tal-ilsien Malti.

Oliver ħalliena imma konna xortina tajba li għexna fi żmienu u konna ħbieb miegħu. U fuq kollox qsamna l-istess ideali miegħu aħna li kbirna u xjaħna miegħu!



Ma setax jonqos li kien ifaħħar l-impenn tiegħek b'dan ix-xogħol li qed tagħmel: barra l-istudju tiegħek bħalissa, barra l-kitba tal-poeżija li tfiġġ meta ma tistennihiex u barra x-xogħol għall-ħobża ta' kuljum lil l-amilja sabiħa... xorta ssib ħin timla dan il-vojt. Grazzi!

Nara fih sforz biex jintwera ċar il-livell meħtieġ biex ngħollu u ntejbu dejjem il-letteratura tagħna u nbegħduha minn pubblikazzjonijiet purament bi skop kummerċjali li jinbtu sikwit.

Ħajr mill-ġdid u saħħa dejjem, illum aktar minn jiem oħra!

Paul P. Borg




## MARZU, IX-XAHAR LI FIH TWIELED IL-POETA TAN-NIRIEN

Karmenu Vassallo twieled is-Siġġiewi nhar it-18 ta' Marzu 1913 u miet fis-7 ta' April 1987. Fost il-kotba li ppubblika nsibu *Nirien* (1938), *Alla taż-Żgħażagħ* (1939), *Il-Metrika Maltija* (1940), *Kwiekeb ta' Qalbi* (1944), *Ħamiem u Sriep* (1959), *Mill-Art għas-Sema* (1960), *Vatum Consortium* (1969), *Tnemnim* (1970), u *Bejn Qċaċet u Qigħan* (1974). Ktieb interessanti li jixħet dawl fuq il-ħajja ta' dan il-ġurnalist, għalliem u poeta, huwa *Il-Ħajja ta' Karmenu Vassallo*, miktub minn Marcel Zammit Marmarà. Xi poeżiji tal-poeta ġew ukoll immużikati mill-Maestro Dominic Galea u miġburin f'CD.








## INTERVISTA MA' VINCENT PICCININO AWTUR TA' *L-APPUNTAMENT MAD-DESTIN U STEJJER OĦRA*

**Naf li dawn mhumiex l-ewwel kitbiet tiegħek. Inti ktibt bil-Malti u bl-Ingliż, poeżiji, kanzunetti, stejjer qosra, radjudramm u rock opera, fost oħrajn. Dan hu l-ewwel ktieb ippubblikat tiegħek? Kemm-il sena ħadulek dawn il-21 storja li ġbart hawn biex ktibthom?**

Iva, dan huwa l-ewwel ktieb ippubblikat tiegħi u l-istejjer li fih, tista' tgħid, ktibthom f'dawn l-aħħar għaxar snin. Kien hemm snin li fihom ktibt tlieta jew erba' stejjer u ġieli kien hemm snin li fihom ma nkun ktibt xejn. Il-muża ma toħdilhiex kopja, mhux hekk?

**Minn fejn jitwieldu stejjer bħal dawn? Liema hija l-materja prima tagħhom: gazzetti, televiżjoni, qari, esperjenzi personali?**

Mistoqsija bħal din darba għamiltha lil ħabib tiegħi Trevor Żahra li, għalkemm huwa iżgħar minni fl-età, huwa, bla dubju, egħref minni f'dan il-qasam. U Trevor, bil-mod inimitabbli tiegħu, qalli, "Ħa ngħidlek Vince; ħadd ma jista' jagħti minn dak li m'għandux! Allura, il-kitba bilfors tirrifletti l-esperjenzi varjati tal-awtur. L-awtur jagħmel dan jew b'mod konxju jew anki billi, mingħajr ma jkun jaf jew jiftakar, juża esperjenzi li jkunu baqgħu maħżunin fis-subkonxju tiegħu. Naturalment, l-awtur juża anki l-immaġinazzjoni biex aktar jorqom, isebbaħ u jtejjeb il-kitba tiegħu." Ma' dan, naqbel perfettament. Ġieli niltaqa' ma' xi ħadd li jkun qara xi novella minn tiegħi u jagħmilli mistoqsijiet bħal, ngħidu aħna, "Dik veru li għidt fl-istorja taz-ziju Karmenu?" It-tweġiba tiegħi kważi dejjem tkun li l-ewwel biċċa tal-istorja hija mibnija fuq il-veru filwaqt li l-aħħar biċċa hija mistħajla, sempliċiment biex nagħmel storja li togħġob lil min jaqraha. Lil min jaqra l-istorja taz-ziju Karmenu ngħidlu li, iktar minn nofsha, tirrifletti l-esperjenzi ħelwin tat-tfulija tiegħi fl-ewwel għaxar snin ta' ħajti li għaddejt f'dar ċkejkna f'numru 66, Triq l-Isptar il-Qadim, il-Belt. L-aħħar biċċa vvintajtha jien bħala għeluq li, nittama, jagħti gost lill-qarrej.

**Għaliex l-għażla tal-istorja qasira u mhux tar-rumanz? Il-ktiba tar-rumanz hija sfida ikbar?**

"Every man, his humour!" jgħid qawl Ingliż. Jista' jkun li r-rumanz joffri sfida ikbar, prinċipalment, fil-fehma tiegħi, għax huwa itwal. Imma lili iktar taffaxxinani n-novella għax, fil-qosor, trid toħloq idea, tiżviluppaha u tressaqha għal tmiem konvinċenti, kredibbli u sorprendenti u, jekk ikollu dik il-laqta umoristika, tant aħjar kif, wara kollox, jixhdu bosta mill-istejjer tiegħi.

**Meta huma l-waqtiet li matulhom tikteb?**

Meta nkun fil-kwiet. Mhux l-ewwel darba li qomt f'nofs ta' lejl jew, aħjar ngħid, ma nkunx nista' norqod għax tiġini xi idea tajba u nibża' li, jekk ma naqbadx u niktibha dak il-ħin, taħrabli jew ninsa d-dettalji ta' dak li nkun ħsibt.

**Fil-qosor, liema huma t-temi li tittratta f'din il-ġabra ta' stejjer?**

Fil-qosor, ngħidlek li l-parti l-kbira ta' dawn l-istejjer jittrattaw temi umani.

**Taqbel li l-personaġġi li jagħmlu parti mill-istejjer għandhom kemm mir-realtà kif ukoll mill-fittizzju?**




**Xi tgħid dwar dan?**

Bħalma għidt aktar 'il fuq, xi wħud mill-karattri għandhom mir-realtà filwaqt li oħrajn huma ħlejqiet tal-immaġinazzjoni tiegħi. F'dan il-kuntest, xi kultant, ir-reali u l-fittizju jaslu biex anki jitwaħħdu f'xulxin. Eżempji tipiċi huma 'Iċ-Ċirimottu' u, iktar minn dan, 'Zakkarija'. Jekk tistaqsini, pereżempju, Zakkarija veru kien jeżisti, ngħidlek li le. Imma, dari, il-Belt, kienu jħufu mat-toroq bosta individwi li kienu jesebixxu l-istess karatteristiċi li jipproġetta Zakkarija. Jien, kulma għamilt f'din l-istorja kien li għaqqadthom fil-personalità unika ta' dan il-karattru ferm interessanti. Imbagħad fl-aħħar, biex nagħlaq, żidt dik il-laqta personali. L-istess jista' jingħad għaċ-Ċirimottu.

**Kittieba għal qalbek li setgħu ispirawk biex tikteb?**

Jekk tistaqsini min hu l-awtur preferit tiegħi, mingħajr tlaqliq, ngħidlek Charles Dickens. Però, naturalment, mhuwiex l-uniku. Jiġuni f'rasi wkoll, Oscar Wilde, Morris West u Sir Arthur Conan Doyle, fost oħrajn. Barra minn hekk, kif diġà għidt, ix-*short stories* huma għal qalbi ħafna. Allura, meta niltaqa' magħhom jinżluli għasel u nitgħallem ħafna minnhom ukoll. Minbarra Trevor Żahra u, naturalment, Charles Dickens innifsu li, forsi ftit jafu, kiteb għadd ta' stejjer qosra wkoll, insemmi lil William Somerset Maugham, Jeffrey Archer, Guy de Maupassant u lil Chekhov.

**Taħseb li l-kitba tal-istejjer qosra, u anki tar-rumanz, bil-Malti, qed ikollhom pubbliku interessat f'din l-era teknoloġizzata? Min huwa dan il-pubbliku, żgħażagħ, adulti, anzjani? X'taħseb?**

Għall-ewwel parti tad-domanda tiegħek nasal biex ngħid iva. B'mod ġenerali, naħseb li l-interess kiber. Anki l-pubblikazzjonijiet bil-Malti żdiedu ħafna wkoll. Huwa l-mod kif jista' jkun espress dan l-interess li jinbidel. Illum, tiltaqa' ma' ħafna, speċjalment żgħażagħ, li jgħidulek li jniżżlu u jaqraw kotba online. Mill-banda l-oħra, naf bosta nies, kemm żgħażagħ kif ukoll adulti u anzjani, li jgħidulek li jippreferu jħossu l-ktieb fiżikament f'idejhom. Jien ngħodd ruħi ma' dawn tal-aħħar.

**Proġetti għall-ġejjieni?**

Meta kont ngħid xi ħaġa hekk quddiem ommi, kienet tgħidli, "Kul ta' ħalqek l-ewwel!" Jien, illum, għandi ħamsa u sebgħin sena. Li nara dawn l-istejjer miġburin fi ktieb qabel nagħlaq għajnejja kienet ix-xewqa u l-ħolma tiegħi. Issa, bis-saħħa tal-inkoraġġiment ta' xi wħud kif ukoll bis-saħħa ta' Horizons Communications Limited din il-ħolma saret realtà. Ovvjament, sakemm jibqa' jtini moħħi, nibqa' nikteb u, jekk ikun il-każ, nerġgħu nitkellmu. Imma, sadattant, tinsiex l-appuntament mad-destin!

**TWIL IL-LEJL**

Twil il-lejl tar-ruħ imħabbta;
tbatti l-qalb għajjiena ssus;
dlam u skiet bla xejn ma jaqtgħu;
agħder, ħobb, salibek ħuf.

**RIGU BOVINGDON**
**(minn *Aporija. Mill-ġdid*, Horizons, 2019)**

## IL-PONT, F'INTERVISTA ESKLUSSIVA MA' OLIVER FRIGGIERI (SAJF 2020)

**Taħseb li t-talent tal-kitba huwa xi ħaġa naturali jew żviluppat bl-esperjenzi tal-ħajja matul iż-żmien?**

Il-ġrajja tal-estetika, tal-poetika Ewropea hi mibnija fuq din id-distinzjoni. Kull epoka ftit jew wisq tagħraf liż-żewġ realtajiet imlaqqgħin fi bniedem wieħed, il-poeta. Hemm talent naturali, dispożizzjoni fil-karattru, qima lejn il-lingwa, bżonn istintiv ta' espressjoni u ta' komunikazzjoin, u l-bqija.

Poeta, bħal kull artist ieħor, hu taħlita ta' dispożizzjoni naturali u ta' sensibbilta' quddiem kull aspett tal-eżistenza. Meta nħares lura nara li bdejt nikteb meta kont għadni żgħir u kull darba li l-ħajja ta' madwari laqtitni ħafna. Fil-ktieb tat-tifkiriet tiegħi *Fjuri li ma Jinxfux* ktibt kulma niftakar dwar dan il-bżonn bikri.

**X'jinvolvi l-proċess tal-kitba u kemm idum?**

Il-proċess tal-kitba għalija hu magħmul minn din is-sensiela ta' fażijiet: l-ispirazzjoni, il-kitba, ir-reviżjoni. Il-kitba hi dmir, bżonn, istint, aktar milli hi kapriċċ jew żvog. Awtur jikteb sewwasew meta ma jkunx jista' jevita li jikteb. Bħal f'okkażjonijiet oħrajn tal-organiżmu tagħna, uman, it-twelid jimplika li t-tarbija timbotta l-ħitan tal-għeluq, u b'dan il-mod toħroġ. Il-kitba, u qabelxejn il-poeżija, bħala għarfien tal-inevitabbli. Kemm idum dan il-proċess…

Ma jidhirx li hemm regola. Pereżempju *L-Istramb* hu rumanz li ktibtu fi ftit xhur, waqt li domt għaxar snin sakemm irrevedejtu. It-triloġija ta' *It-Tfal jiġu bil-vapuri* huwa wkoll process ta' aktar minn għaxar snin.

**Hemm poeżiji ta' natura politiko-soċjali li ktibt fis-sniin 60, 70 u 80 li reġgħu akkwistaw relevanza fil-preżent. Xi tgħid dwar dan?**

L-ansjetajiet politici li esprimejt fil-poeżijii jinsabu wkoll fir-rumanzi, u l-aktar ir-rumanz *Fil-Parlament ma jikbrux fjuri*, espressjoni tal-konfltt bejn Mintoff u Fenech Adami, daqskemm rakkont li jesplora l-għeruq ta' kriżi li għalija hi wisq ifned minn kriżi politika, jew partiġġjana. Dawn il-problemi ktibt għal bosta snin dwarhom fl-artkli fil-ġurnali. L-impenn soċjali huwa importanti…



Ritratt mill-film *Il-Lejl f'Dan l-Istazzjon*, ta' Abigali Mallia u Take Two

**Kif urew The Travellers, fost l-oħrajn…**

The Travellers huma grupp ta' livell għoli, u juru serjetà kbira fil-mod kif jesprimu kontenut li huwa relevanti għal min jismagħhom mhux biss biex japprezza l-mużika iżda wkoll biex jirrifletti.

**X'taħseb dwar il-fatt li l-poeżija tiegħek 'Jekk' spiċċat parti mil-lirika tad-diska popolari 'Ilkoll flimkien' tal-grupp Malti The Travellers?**

Naħseb li dan l-impenn soċjali li qegħdin insemmu jista' jsir bl-aħjar mod billi l-poeta u l-mużiċista jerġgħu jersqu lejn xulxin kif għamlu tul sekli sħaħ.

**Hemm drabi meta tikkonsidra l-fatt li inti poeta huwa piż. Taħseb li t-talent tal-kitba b'xi mod firdek mill-bqija tas-soċjetà?**




Ma naħsibx li l-poeżija tifirdek mill-pubbliku, anzi hi mezz effiċjenti u pjaċevoli biex jitwassal messaġġ b'mod effettiv. Nista' nitkellem fit-tul dwar Ray Sciberras u diversi oħrajn li huma kompożituri li taw vuci lil versi li kien jonqoshom il-forma mużikali biex bħallikieku jsibu l-qofol tagħhom.

**Liema hija l-iktar tema għal qalbek u li tħoss li biha tista' tesprimi lilek innifsek l-aktar?**

Hi t-tema filosofika, Teoloġika, li hi l-bażi ta' kull pass li jagħmel il-bniedem li jara skop fl-eżistenza. Il-vjaġġ minn għaliex? sa għalfejn? Huma ż-żewġ mistoqsijiet kbar, dejjiema, li ma jinħlew qatt. Għalhekk jeżistu l-poeżija u l-filosofija, li mbagħad it-tnejn iħabbtu l-bieb tat-Teoloġija, u jistennewh jitbexxaq, u forsi jinfetaħ beraħ.

**Xi jġagħlek biex kważi kważi tagħti prijorità lill-endekasillabu meta tikteb il-versi tiegħek?**

Forsi, imma ma nafx inwieġeb. L-edekasillabu hu wkoll l-aktar vers li jersaq lejn it-taħdit komuni.

**Hemm numru ta' poeżiji fejn tikteb dwar 'siegħa sewda' li tista' faċilment tinftiehem bħala perijodu ta' kriżi li minnu kien għaddej pajjiżna fis-snin 80. Din is-'siegħa sewda' tintrabat biss mal-isfond politico-soċjali ta' pajjiżna jew tfisser iktar minn hekk?**

Hi siegħa sewda li tinsab kemm fl-istorja politika u kemm fil-kundizzjoni umana fiha nnifisha. Il-problema eżistenzjali hi mbagħad kriżi ta' lingwaġġi, u sewwasew kriżi ta' komunikazzjoni. Kemm meta hi kwistjoni ta' relazzjoni pubblika bejn partit politiku u ieħor, u kemm meta hi kriżi bejn żewġ persuni... hemm dejjem diwi tat-tema ċentrali: il-bniedem jissogra dejjem li jaqa' fis-solitudni, kemm kollettiva u kemm individwli.

**Hemm xi post partikolari li tfittex għall-ispirazzjoni? MInn fejn iġġib l-ispirazzjoni tiegħek?**

Il-post xieraq biex nikteb hu l-post fejn tieħdok qalbek. Mela ma hemm ebda post.

**Tiddeċiedi minn qabel jekk tużax xi tip ta' metafori f'poeżija, jew il-proċess hu wieħed naturali?**

Huwa process naturali. Hemm xi ħaġa misterjuża li ma nafx infissirha. Sikwit nistaqsi: imma dawn il-poeżiji tul din l-medda ta' snin min kitibhom?

### AĦJAR

Mulej, aħjar li kont ħaxixa tħaddar
li tgħix għal ftit sigħat bla tibki l-qerda
tal-weraq li jitbiel. Aħjar kont bhima
li ma tistenna xejn ħlief iż-żmien jgħaddi
kif jaf u jrid ħaddieħor.

Aħjar kont kollox barra bniedem mgħobbi
b'dal-moħħ dubjuż li jsaqsi w xejn ma jifhem.
Jekk tħobbni, ħudli d-dehen u roddli lura
in-ngħas tad-dudu żgħir li jgħaddi żmienu
magħluq fil-fosdqa rieqed.

**OLIVER FRIGGIERI**
**(minn *Poeżiji*, Mireva Publicatons, 1998)**



## IL-PONT JINTERVISTA LIL RICKY CARUANA

**X'kienu l-istudji tiegħek? Liema huma l-aktar kotba u kittieba għal qalbek?**

Jien mort skola primarja tal-Gvern, imbagħad Sekondarja. Kont ġibt xi 10 'O' Levels u mort Paulino Vassallo biex inkompli l-'A' levels. Wara l-ewwel sena qabżitli u tlaqt naħdem. Għalkemm ta' 13-il sena kont ġa naħdem *summer jobs* ma' sprayers, mekkaniks u simili. Jien m'iniex xi wieħed li qrajt ħafna kotba. Però m'għandix kotba favoriti u lanqas kittieba. Fis-sens skont f'liema stadju ta' ħajti nkun, ikun jagħmel sens dak il-ktieb jew dak l-awtur. Però, kotba li jibqgħu eternament jagħmlu sens għalija huma *Tao Te Ching* ta' La Tzu u *The Prophet* ta' Kahil Gibran. Nista' nżid ukoll lill-astronomu Carl Sagan.

**Minn fejn ġejja din il-ġibda lejn ir-reliġjonijiet Orjentali? Tiftakar meta bdiet?**

Meta kelli tliet snin fl-1984, il-ġenituri tiegħi kkonvertew minn Kattoliċi għal Xhieda ta' Jehovah. Minħabba dal-fatt kont niġi bbuljat ħafna u minn hemm nibet il-karratru investigattiv tiegħi lejn it-tagħlim. L-ewwel spark lejn l-Orjent faqqa' propju ta' xi seba' snin minn cartoons I CAVALLIERI DELLO ZODIACO għax peress li kienu jaffaxxinawni l-istilel kont narah propju minħabba hekk. Kien imbagħad fiż-żgħożija tiegħi meta beda jkolli xi diskussjonijiet ma' kuġinuwi li kien akbar minni ħames snin li bdejt nisma' bl-ewwel kunċetti. Imbagħad kien laqqagħni ma' ħabib tiegħu li kien espanda bil-ferm iktar il-konoxxenza tiegħi fuq it-tagħlim u filosofiji orjentali. Imbagħad minn hemm 'l hemm ma waqaftx infittex u niddiskuti fuq kollox, fosthom ukoll ma' sieħbi l-għażiż Robert Bondin Carter li l-ħbiberija tiegħi miegħu nista' ngħid kienet rigal mill-univers għalija personali.

**Il-kitba ta' ktieb bħal dan tirrikjedi qari wiesa' u anki vjaġġi mhux komuni lil hinn minn artna u anki mill-kultura Kristjano-Ewropea. Kemm hu veru dan?**

Jien fuqi nista' nitkellem u ma nafx ħaddieħor xi bżonnijiet ikollu. Ħajti għextha bħal kull bniedem ieħor u qatt ma qbiżt l-Ewropa fis-safar tiegħi. Kotba kif ġa għedtlek ma tantx qrajt xi ħafna. Jien nemmen li l-*consciousness* ta' bniedem ma hijiex limitata għal post jew ħin imma taqbeż il-konfini umani u allura sta għal kull individwu kemm ikun lest b'passjoni u rieda ħielsa li jirċievi din il-konoxxenza ġewwa fih. Dan hu suġġett kumpless ferm biex infiehmu fi ftit sentenzi. Kont imbierek li ltqajt ma' nies li kellhom l-istess interessi bħal tiegħi f'oqsma ta' għerf u tagħlim, allura diskussjonijiet frekwenti fuq dawn is-suġġetti kont nixrobhom peress li għandi memorja fotografika.

**Għaliex dan il-ktieb oriġinarjament ktibtu bl-Ingliż biex wara qlibtu wkoll għall-Malti bil-għajnuna ta' Alfred Palma? X'taħseb dwar it-traduzzjoni Maltija?**



**Wieħed mill-proġetti li ħadem fuqhom Ricky Caruana**

Ktibtu bl-Ingliż għax illum sar qisu lingwa komuni għal kulħadd. Apparti hekk, illum permezz ta' dinja globalizzata l-internet jiftaħlek suq globali. Fil-fatt, il-ktieb wasal f'kull kontinent u dan bis-saħħa ta' internet u l-midja soċjali. Alfred Palma nista' ngħid li kieku ma kienx hu, it-traduzzjoni ma saritx issa żgur. Jien u Alfred qatt ma ltqajna fiżikamnet ħlief xi darbtejn lura fl-2008 fuq biċċa xogħol ta' awtur ieħor. Kien propju fl-2020 li permezz tal-ktieb bl-Ingliż erġajna għamilna kuntatt. Meta Alfred qrah u qasam miegħi kif din it-tip ta' filosofija hu jemmen fiha bis-sħiħ, kont għedtlu li nixtieq naqilbu għall-Malti. Ġara li wara dal-perjodu jien għaddejt minn anzjetà li qabel qatt ma kont esperjenzajt. Biex tgħaxxaq kont qed nikteb il-ktieb il-ġdid tiegħi li ħriġt ftit xhur ilu, *The Strings of Fate* (2020). Lil Alfred spjegajtlu li moħħi ma jiflaħx iktar, imbagħad xi darba nerġa' nkellmu... Kien sforz l-ispirtu nobbli u ġenwin tiegħu li beda jkellimni ta' spiss u jqawwili qalbi biex nirkupra kemm jista' jkun malajr. Konna anki ġieli nċemplu lil xulxin u bil-paċenzja jagħmilli kuraġġ biex nibqa' nikteb u nħares 'il quddiem. Ħin minnhom qalli, "Lestejtlek l-ewwel kapitlu", u ħaġa inkredibbli fi tliet ġimgħat qalbu kollu. Meta saqsejtu x'għandi ntik qalli, "Tħabbilx rasek kompli ikkonċentra biex tirkupra ħa tkompli tikteb. L-aqwa li sar, Ricky, il-flus mhux importanti." Meta smajtu jgħid hekk, bniedem ta' dak il-kalibru fil-qasam letterarju u ma jafnix minn Adam, hemmhekk apprezzajt il-vera kwalitajiet, valuri u morali li dal-bniedem iħaddan. F'ħajti ltqajt ma' ħafna nies u nista' ngħid li bħalu qatt ma sibt. Dan ma jafnix u fdani bi traduzzjoni li bagħathieli bla ma kont naf x'qed jiġri!



Alfred Palma




It-traduzzjoni ta' Alfred apparti li għamel biċċa xogħol impekkabbli biex jittraduċi x-xjenza tal-ktieb, kulmeta nara ismu fil-faċċata tal-ktieb niftakar mhux fil-ktieb imma xi bniedem tajjeb u kbir hu Alfred Palma. Intenni, kieku ma kienx hu, żgur ma sarx fis-sena 2020. Għalhekk, minn hawn irrodd ħajr lil bniedem tant nobbli u kbir fl-ispirtu.

**Għaliex għażilt li ssemmieh *Riżonanza*?**

*Riżonanza* għax minn meta faqqa' l-Big Bang sa issa, dak kollu li naraw u nesperjenzaw f'ħajjitna sakemm jibqa' jeżisti dan l-univers ma huwa xejn għajr riżonanza ta' dak il-famuż Big Bang jew il-mument li alla fetaħ għajnejh. L-univers jgħix u jaħdem propju għax jibqa' bħal qisu eku ta' riżonanza ta' qablu u jibqa' sejjer hekk għall-infinit.




**Kif qed jintlaqa' ktieb bħal dan hawn Malta, u lil hinn minn xtutna?**

B'sorpriża għalija, intlaqa' verament tajjeb. Fil-fatt fl-2021 se terġa' ssir reprint tal-edizzjoni bl-Ingliż. Kemm Malta kif ukoll barra minn xtutna, il-feedback kien pratikament l-istess.

**Kif tintlaqa' l-interpretazzjoni atomista tal-ħajja f'pajjiż fejn għal snin twal ħakem u għadu b'saħħtu sa ċertu punt it-twemmin Nisrani?**

Mmmmm, iktar milli għax Nisrani, il-problema tkun iktar nuqqas ta' tagħrif dwar x'inhu atomu. U kien għalhekk li ħadt ħsieb nispjega l-ħin kollu fuq l-atomu. Jekk bniedem ikollu naqra sfond xjentifiku ikun aħjar biex jaħfen mill-ewwel il-kuncett atomiku. Però, biex inkun onest, kulmin qrah fehmu bla problemi. Li hu żgur hu li kien ta' serħan il-moħħ kbir għal ħafna nies li fehmu li fil-verità xejn u ħadd ma jispiċċa, imma jibqa' jinkarna f'għamliet u ħlejjaq differenti.

**Kif inhu Ricky Caruana bħala persuna llum? Liema huma l-passatempi tiegħu?**

Ħeħe jiena? Mmmmm, kif jien? Bħal kulħadd ħabib. Daqqa nkun għaddej minn perjodi trankwilli u feliċi. Daqqa jkollu mumenti ta' anzjetà u dwejjaq. Daqqa nkun fin-nofs u daqqa nkun f'sintonja ma' kollox. Il-ħajja umana hi dik li hi, jiġifieri l-ħin kollu tittrażmuta ruħha skont il-karma tiegħek. Huwa propju għalhekk li kemm jista' jkun trid tgħix ħajja tajba u onesta miegħek innifsek ħalli tevita ċikli koroh ta' kawża u effett.

Il-passatempi tiegħi huma l-aktar in-natura. Għandi sitt German shepards u alsations, flimkien ma' fkieren tal-art u tal-ilma, tiġieġ, sriedek, qtates, fniek, ħut... insomma kulma nara bħat-tfal jogħġobni. Inħobb ħafna siġar u fil-fatt jien u l-ikbar ħabib tiegħi Robert Bondin għandna paġna jisimha https://www.facebook.com/iamhundredsofyears fejn sa issa naħseb ħawwilna qrib il-ħamest elef siġra hawn Malta.  Ma' sieħbi Robert niltaqa' kważi kuljum, apparti nagħmlu xi xogħol flimkien, imbagħad nitilqu mixja fil-kampanja, jew ngħumu, jew dawra bil-karozza, jew xi ikla tajba... u ngħidu kelma fuq kollox. Apparti hekk, norganizza *events* tal-massa u nagħmel *parties* bħal "The Gatsby, Flower Mania", u ħafna *nights* oħra ma' Stephen Saydon u Alex Grech. Inħobb nagħmel ukoll monumenti u nsebbaħ xi żoni bħalma għamilt kif toħroġ mill-mina ta' Ħal Kirkop. Dan li qed tara fir-ritratti huma proġetti li għamilna jien u Robert għaxar snin ilu. Insomma ħa nieqaf hawn fuq ħajti



**Proġett ieħor li ħadem fuqu Ricky Caruana**




għax inkella ma nispiċċaw qatt.

**Naf li għadek kemm ippubblikajt it-tieni ktieb tiegħek, *The Strings of Faith*. Kif ivarja dan il-ktieb mill-ewwel wieħed? Hu ppjanat li taqilbu wkoll għall-Malti?**

Iva fil-fatt ġa kellimt lis-Sur Palma għat-traduzzjoni. Kif ivarja? Dan huwa iktar ktieb ta' lezzjonijiet tal-ħajja u jgħin biex jiftaħlek għajnejk. Hu dwar kif bniedem jasal jikseb l-għerf u l-illuminazzjoni.

**Xi jmiss wara dawn?**

Wara dawn imissni l-itqal biċċa. *Resonance* u *The Strings of Fate* ħriġthom propju biex inwitti t-triq għat-tielet ktieb. Kien propju l-ktieb li se joħroġ wara dawn li kien oriġinarjament li nikteb. Imma qabel ma stajtx nibni l-pedament jekk mhux b'*Resonance* u b'*The Strings of Fate*. Għaliex? Għax it-tielef ktieb tiegħi ħa jkun jismu *The Book of Death*. Immaġinak trid tikteb ktieb fuq minn xħin persuna tieħu l-aħħar nifs 'il quddiem... kif se nkun kredibbli? Allura dik hija l-ikbar biċċa xogħol li ġejja. Imma jekk l-univers u l-*consciousness* iridu, niktbu wkoll... awgurali :-)

## TIFKIRIET TA' AUSCHWITZ

Iċ-ċpar jiksi bis-skiet
l-infern li jnsab rieqed,
bl-ilma tax-xita jfaqqa',
u s-siġar jistennew bla sabar
ix-xemx titfaċċa.

'L hinn minn ħitan ta' elf tifkira
xejn ma jinstema' għajr il-biki
ta' min għandu
biss aptit jorqod
l-irqad tal-vjoli;
jinsa wġigħ u tbatija
l-eku ta' elf twerżiqa,
ta' krib u kliem imħawwad!

Il-ħluq imgħawġa, siekta,
m'għadhomx aktar jitolbu,
lanqas jittamaw aktar,
u jsejħu 'l-mewt tiġborhom...
jixxennqu biss
għall-ħolma eterna
tal-warda.

Ma jridux aktar iġorru
t-tifkiriet;
iridu biss li jorqdu,
u li jkun jaf ħaddieħor
illi l-mejtin
huma biss dellijiet,
u r-riħa li ddur fl-arja
hi biss riħa ta' demm...

U 'l hinn mit-tifkiriet,
xejn għajr il-mewt ma baqa'
u l-ħluq mgħawġa
u l-uċuħ bojod, mixrubin,
għajjiena...
u t-tnikkir tat-tbatija!

**ALFRED PALMA**
**(minn *Katarsi*, 2020)**



**JOSEPH DEBONO JITKELLEM MA' IL-PONT DWAR IR-RUMANZ *IZ-ZIJU MANWEL*, PUBBLIKAZZJONI KITE GROUP, 2020.**

**Minn fejn u meta twieldet l-idea li tikteb dan ir-rumanz?**

L-idea ilha tberren f'moħħi ħafna snin. Fl-aħħar, kawża wkoll tal-kundizzjoni fiżika tiegħi, li bdiet sejra lura, ktibtha. Kull deni ħudu b'ġid tgħid ommi.

**Il-familja żgur hija tema ewlenija f'xogħol bħal dan. Jista' wieħed jgħid li huwa rumanz li għandu mill-awtobijografiku?**

Jien insejjaħlu bijografija rumanzata. Il-linja prinċipali tal-istorja hija vera. U hemm ukoll mumenti awtobijografiċi.

**Kemm huma importanti l-imgħoddi u t-tifkiriet għalik? U kif tidħol il-kitba ma' dan kollu?**

Moħħi aktar mitfugħ biex joħloq il-ġdid, iħares 'il quddiem. Imma meta nikbru t-tifkiriet jinżlu għasel. Ikolli ngħid ukoll li bit-tifkiriet ninduna li kelli ħafna esperjenzi sbieħ, u li għext ħajja sabiħa. Din l-ewwel darba li ktibt dwarhom.

**Dan hu wkoll rumanz li jirrakkonta fażijiet importanti mill-Istorja ta' Malta tas-seklu 20. Għaliex dan?**

Iz-ziju Manwel għexhom tassew dawk il-mumenti, allura ma stajtx inħallihom barra. Speċjalment l-irvellijiet tal-58, li huma kruċjali għall-istorja. Naħseb ukoll li l-fatti storiċi jagħtu kuntest lil dak li hemm fir-rakkont.

**X'taħseb dwar kif iħarsu lejn l-Istorja ta' art twelidhom il-Maltin illum? Għad hemm min hu verament interessat f'dan?**

Iva. Jien gwida tat-turisti u ġieli ggwidajt Maltin, u dejjem ħadu gost. Jekk l-istorja twassalha bħal 'storja', jieħdu interess. Kultant nagħtu ħafna importanza lid-dati, meta huma l-ġrajjiet u l-persuni li jagħmlu l-istorja. Min-naħa l-oħra niskanta meta niltaqa' ma' Maltin li jgħiduli li qatt ma daħlu fil-kon-kattidral ta' San Ġwann.

**Kemm hija importanti l-Belt Valletta u xi tfisser għalik?**

Ħafna. Kemm mil-lat personali, għax trabbejt hemm, kif ukoll mil-lat storiku. U dak kollu li għandu x'jaqsam mal-Belt, huwa għal qalbi: il-festi, l-aktar San Pawl, il-karnival, it-tim tal-Belt.

**Min jaqra dan ir-rumanz iħoss li warajh hemm ukoll għajta qawwija ta' wġigħ. Xi tgħid dwar dan?**

Għajta kbira. U issa li għajjattha, inħossni aħjar. Inħoss li fl-aħħar tajt ġieħ lil raġel li huwa minsi minn kulħadd.

Moħbija fl-istorja hemm ukoll għajta kontra l-politika tal-partiti, li jużawk sakemm għandhom bżonnok u mbagħad jarmuk. Il-politika li tagħlaq ħalq lil min għandu ideat ftit differenti mil-linja tal-partit. Il-politika li ġġiegħel lil politiċi tal-affari tagħhom jibqgħu siekta quddiem inġustizzji u abbuż.

**Minn fejn ġejja l-ġibda lejn il-mużika u l-ilsien Spanjol, imma anki lejn il-poeżiji ta' Federico Garcia Lorca?**

Il-ġibda lejn il-flamenco u l-ilsien Spanjol ġejja mingħand iz-ziju Manwel, imma ma nafx nispjega kif. Ilha ġo fija ħafna. L-Ispanjol tgħallimtu f'dawn l-aħħar ftit snin, meta rtirajt. U xi tmien snin ilu kelli x-xorti li nara spettaklu tal-Flamenco fi Spanja. Garcia Lorca daħal minħabba r-rumanz. Ħassejt li jgħaqqad il-mużika u l-ilsien mal-ispirtu kreattiv taz-ziju Manwel.




**Dan tiegħek hu anki rumanz li jistieden biex nirrispettaw lid-dinjità ta' kull bniedem, fuq kollox lill-imwarrbin, u nifhmu li moħbija jista' jkun hemm tbatija u anki storja interessanti. Reazzjonijiet tiegħek?**

Kieku kulħadd juri rispett, kieku id-dinja tkun ħafna aħjar. U għandna x'nitgħallmu mingħand dawn il-persuni li, għax imwarrbin, qatt ma nisimgħu x'għandhom x'jgħidu. Naħseb li qed nitilfu ħafna. U billi nuru rispett u nagħtuhom spazju nistgħu intaffulhom ftit tbatija.

**Kemm għenet l-esperjenza tiegħek fit-televiżjoni meta ġejt biex tikteb dan ir-rumanz?**

L-ewwel reazzjoni għal din il-mistoqsija hi li ma narax li għandhom x'jaqsmu. Imma mill-kummenti li rċevejt indunajt li din l-influwenza, ħarġet l-aktar, mingħajr ma naf, fid-djalogi li hemm fir-rumanz. Qishom script ta' film.

**Il-mużika u l-poeżija bħala wens għall-muġugħ? X'taħseb?**

Il-mużika bla dubju. Meta tisma' silta jew kanzunetta li togħġbok, tgħollik. Jien nisma' kull tip, mużika li tmur mal-burdata. Il-poeżija personalment ma tantx infittixha, imma naf uħud li għalihom il-poeżija għandha l-istess effett.

**X'sodisfazzjon tħoss meta l-qarrejja jgħidulek li hawn ktibt rumanz verament sabiħ, mexxej, u li jiddispjaċik titilqu ladarba tkun qrajtu?**

Gost kbir. Jien ktibt ir-rumanz biex jinqara, u jekk min jaqrah iħoss hekk, ikun ifisser li dak li xtaqt inwassal, qed jasal tassew għand il-qarrej.

——— o ———

Ir-rumanz *Iz-Ziju Manwel* ta' Joe Debono inħataf f'temp ta' sitt ġimgħat u f'Jannar 2021 reġa' ġie stampat minħabba d-domanda qawwija għal dan il-ktieb. Kopji tar-rumanz jinkisbu mill-ħwienet tal-kotba jew minn fuq www.kitegroup.com.mt. Dan ir-rumanz ġie ppubblikat f'verzjonijiet paperback u hardback. Wieħed jista' jċempel ukoll fuq 9993 2592 għal aktar informazzjoni.



**Federico Garcia Lorca (1898-1936)**



## IL-PONT JINTERVISTA LILL-KITTIEBA MARTA OBIOLS FORNELL, AWTRIĊI TA' *EASEFUL DEATH*, HORIZONS 2020

**Where were you born and how did you find yourself in Gozo?**

I was born in a little town near Barcelona, in Catalonia. My family had and still have a calf farm. I am the youngest one of seven siblings. During my university years I used to travel to Germany every summer, but one summer I realized that it was time to give a push to my oxidized English and go abroad to learn it better. By chance I saw that Malta was a possibility and I got really curious to see what it was like to be there. Once in Valletta I guess I started dreaming of living on an island in the middle of the Mediterranean. That summer I met Tomas, my partner, an artist from Sweden, and after some time we decided to move together to Malta. Gozo was a second step, after we discovered that to live there would suit us much better.

**The things you like most about your native country and Gozo? Things that you like to see changed for the better?**

Spain is a huge country, very rich in culture, landscapes, languages… What I liked most about Spain is that it was my home and for the same reason a place I wanted to leave. When I think about it, I see the long summers at the farm, family gatherings, etc. This feeling of comfort, peace and tranquillity I recalled as a very valuable thing, until I discovered that the feeling of being a foreigner is even better.

Gozo is such an open box of surprises: the fact that many different universes cohabit there in a parallel and quite respectful way fascinates me. The cosmopolitan atmosphere we encounter daily with strong and particular individuals that end up in Gozo, for a while or for a lifetime, together with the beautiful local population that tends to welcome you and introduce you slowly to their land, culture and secrets, make you feel in a place where you can be without pressure or expectations. More than changing anything I often wish that time could stop and actually, here in Gozo, somehow you can experience this.

**What were your studies? Philosophy, even Oriental Philosophy, seem to be among your favourites. Is this true?**

I studied Philosophy at Barcelona University and I finished it in Bremen, Germany. I also obtained a researcher certificate (Diploma Estudios Avanzados) within a doctoral program about Nietzsche. And I studied Religious Sciences at ISCREB in Barcelona. I did not focus on Oriental Philosophy, but it came to me through the readings of Schopenhauer and Nietzsche, which were influenced by it. The connection you probably see is with the concept of "nihilism". For example, in the posthumous fragments of Nietzsche, one of the first times that he mentions "nihilism", still at university, it appears associated with Buddhism. Oriental Philosophy was a source for them and I am attracted to it too.

**What are your favourite writers? How much do Spanish writers influence your writing?**

Ah, my favourite writers are from Germany. When I was young, apart from Nietzsche and Shopenhauer, I felt in love with Thomas Mann, Herman Hesse, Rilke, Heidegger, Goethe, Höldering… It was a time when I was thirsty and to find them was such a big

treasure for life. The Spaniards came later to me with Unamuno, Ortega y Gasset, Quevedo, Bécquer, etc. But the strong influence in me, without hesitation, came from Germany.

**How is Marta Obiols Fornell as a person? What are her daily roles and pastimes?**

I think I am quite an unstable person, full of ups and downs, not knowing exactly what to do, confused and even lost. I opened an art gallery in Gozo together with my partner, Tomas Hed. I have to say that to be surrounded by art gives me some type of consolation towards reality and also some type of motivation towards a better one. We do plenty of activities at the gallery: talks about philosophy, art, music, readings… and that is a relief. Being among artists is also quite fun and entertaining.

**Why "Easeful Death"? What is your connection with John Keats?**

It is called "Easeful Death" thanks to the translator, Mark Montebello. My idea was to name it just "Death", but he suggested the title, taking it from the poem "Ode to a Nightingale" from Keats, and I liked it a lot and could see that it was even more suitable for the text.

**How do you call your first work: a short novel or a long story? Can it be read as a diary of a soul in solitude?**

I call it a surprise. To me it can be read as you please. However, I feel it is like a desperate scream contained in a web of words. In my diaries, I don't care about the form, but here the "web" is an important part since others can use it too.

**How do you react to the statement: "Easeful Death is anticlerical and erotic"?**

Yes, I agree, since if it's erotic it has to be anticlerical. Just kidding. I do find erotism a good way of taking the pulse of knowledge. Those who kill this impulse of life smell rotten to me. A healthy clerical should be full of eroticism and attraction. When that is missing, crawling monsters start to grow and find their seats in institutions, compensating for their lack of blood circulation.




**Writing as a way of shocking readers or to make them reflect? What are your thoughts about this?**

I don't like to think why am I doing this. Probably if I would start to calculate what I want out of it, or what I expect or what my intentions are, I would be totally blocked. I like to let it be, if it happens. And if not, nothing. I think this consideration is a second movement that, at the moment, I am not interested in focusing. However, a word pops up constantly in relation to your question and that is "transgression". I am sure I wouldn't bother to write if I couldn't touch something uncomfortable or try to see behind the curtain or cross the line of whatever we called "normality".

**Important characters in *Easeful Death* are a 20-year-old Philosophy graduate having an affair with her 40-year-old Philosophy professor, and a priest as confessor. Such a choice was not fortuitous. Reactions?**

No, it was not fortuitous. By choosing these characters I try to summarize my problems with the institutions like the church, universities, etc. A professor or a priest are figures of authority that can easily get carried away by the role they represent. Amanda appears here as an innocent and brave woman breaking stereotypes without even knowing. She falls in love: should she reconsider it because he is her Professor? And the Professor, should he stop himself?

Regarding the priest, he is trapped with his promises and fed up with his repressions. He is lost, which is beautiful, because it shows he is still alive.

Thomas Mann in *The Magic Mountain* describes love as follows: “Oh, love is nothing if not foolish, something mad and forbidden, an adventure in evil. Otherwise it is merely a pleasant banality, good for singing calm little songs down on the plains.” None of the characters in *Easeful Death* want to sing calm little songs, all of them experience or have experienced that life is dangerous and a huge mystery you cannot pretend to own by being a professor, a priest or whatever. Amanda is there to tell them “I don’t believe you” or “I love you”, a very direct message that has to break the wall they have built around themselves.

***Easeful Death* in translation. What do you think of Mark Montebello’s translation to English?**

First of all I see Mark Montebello as an interlocutor to the text. I was very lucky that he translated it because it helped me to understand it better. I think he keeps the tempos and meanings without doing violence to the text. He makes it shine in English as a new original and that can only be because he goes deep into the Spanish, to the core.

**Future projects?**

Not sure yet.

## CASTILE

**by Miguel de Unamuno**
**(1864-1936)**

You lift me up, land of Castile,
in the rough palm of your hand,
to the sky that turns you on and refreshes you,
to heaven, your master,

Wiry earth, lean, clear,
mother of hearts and arms,
take the present in you old colors
of the nobleman of old.

With the concave meadow of heaven
around your bare fields,
the sun has a cradle in you and a grave in you
and in you sanctuary.

It's all top your round extension
and in you I feel the sky raised,
summit air is what you breathe
here in your wastelands.

Giant Ara, Castilian land,
to that your air I will release my songs,
if they are worthy of you they will go down to the world
from on high!

**(minn https://allpoetry.com)**







## Traduttur Barrani tal-Malti u Il-Kitba Reliġjuża tal-Mons. Lwiġi Vella (1859-1928)

**Kitba ta' Charles Briffa**

L-istudjuż Arġentin Patricio Shaw għamel żmien jistudja hawn Malta u ltaqa' ma' xi kitbiet reliġjużi minsijin tal-Għawdxi Mons. Lwiġi Vella (1859-1928). Dawn il-kitbiet bil-Malti, Shaw (li studja l-Malti) qalibhom għal diversi ilsna oħra għax ra bosta valuri Nsara fihom u fehem lill-Mons. Vella bħala qaddis.

Patricio Shaw twieled f'Buenos Aires fl-1961. Il-familja tiegħu min-naħa ta' missieru hija Anglo-Sassona u Ġermanika fit-tnissil tagħha u min-naħa ta' ommu l-familja għandha għeruq Spanjoli. Sa minn żgħożitu, Shaw kien miġbud ħafna lejn il-reliġjon Kattolika għax kien influwenzat ħafna mill-familja tiegħu.

Il-lingwa materna tiegħu hija l-Ispanjol, imma ta' erbatax-il sena beda jistudja bosta lingwi barranin u llum għandu ħakma ta' dawn il-lingwi: l-Ingliż, il-Franċiż, it-Taljan, il-Portugiż, il-Latin, il-Ġermaniż, l-Iżvediż, id-Daniż, il-Pollakk, iċ-Ċek, l-Islovakk, il-Bulgaru, u l-Malti. Għandu wkoll għarfien preliminari tal-Għarbi, ir-Russu, il-Grieg, l-Ebrajk, iċ-Ċiniż, u t-Tagalog.

Studja l-Filosofija, il-Grieg, il-Latin, u l-Istorja taċ-Ċiviltà Mediterranja fl-Università ta' Malta. Għandu interess kbir fil-filosofija Aristotiljana-Tomista li tgħarrex il-prinċipji tal-eżistenza mill-osservazzjoni tad-dinja. Dan l-interess jidħol fil-qafas tat-teoloġija Kattolika tradizzjonali li tħaddan fiha l-qofol tal-awtorità Appostolika, is-Sagrament Divin, il-Marjoloġija, u t-tieni miġja ta' Kristu. Għandu interess qawwi fil-metodu ta' San Louis de Montfort (1673-1716) – metodu ta' qima kbira lejn il-Verġni Mqaddsa u r-rużarju. Għandu ġibda studjuża lejn l-interrelazzjoni bejn il-grazzja u r-rieda ħielsa.

Ittraduċa mil-Latin iċ-ċensura tal-filosofija Kartesjana tal-Isqof Daniel Huet (1630-1721) – *Censura Philosophiae Cartesianae* (Pariġi, 1689) – u t-teżi tal-Kardinal Álvaro Cienfuegos (1657-1739) fuq is-





Patricio Shaw

sustanza ta' ruħ Kristu.

Shaw jemmen bi sħiħ fuq is-siwi universali ta' dak li hu sabiħ. U l-oqsma tar-riċerka tiegħu jinkludu l-lingwistika, l-istilistika, u t-traduzzjoni. Joqgħod f'Aragona (Spanja) fejn ħajtu jgħaddiha fit-talb, fl-istudju, u fil-kitba.

Dan l-aħħar Shaw bagħatli din l-ittra għall-pubblikazzjoni fuq ix-xogħol tiegħu ta' traduzzjoni tal-kitbiet ta' Mons. Lwiġi Vella. Hija miktuba bil-Malti tiegħu.

Għeżież Sinjuri,

Mons. Lwiġi Vella twieled il-Belt Victoria, Għawdex, fis-17 ta' Diċembru 1859. Huwa figura tal-ogħla importanza jekk nitkellmu fuq l-ispiritwalità u l-letteratura Maltija. Nistgħu nqisuh bħala xemx unika fis-sema tad-devozzjoni tal-Knisja universali lejn is-Santissimu Sagrament. Ħasra li huwa kważi għalkollox mhux magħruf f'pajjiżu stess.

Il-Papa Piju XI żejnu bil-midalja "Benemerenti", Leone XIII kien tah id-dekorazzjoni "Pro Ecclesia et Pontifice", u l-Papa San Piju X ried jagħżlu bħala Kuġitur tal-Arċisqof Pietru Pace ta' Malta — unur u piż li fl-umiltà tiegħu Mons. Vella beża' jaċċetta. Fit-12 ta' Marzu 1923 Ruma għażlitu Arċidjaknu tal-Katidral ta' Għawdex.

L-Arċidjaknu Vella kiteb bosta kotba bil-Malti: kotba spiritwali ta' meditazzjoni u adorazzjoni, kotba fuq ħajjiet ta' martri u fuq il-fidi, kotba anki storiċi fuq ġrajjiet il-gżira t'Għawdex. Kien ukoll għal tant snin direttur tal-perjodiku "L-Ewkaristija — Ħabbar ta' Ġesù Sagramentat".

Kien saċerdot ta' spiritwalità profonda u soda, spiritwalità li tidher f'kull paġna tal-kitba tiegħu, b'mod speċjali però f'dak il-kapolavur li hu *Ir-Ruħ Nisranija quddiem Ġesù Sagramentat*.

Huwa impossibbli li taqra dawn il-paġni sbieħ u ma taħsibx li Mons. Vella kellu assistenza speċjali mis-Sema meta kien qed jiktibhom!

Malli nieħdu f'idejna dawn il-kotba ta' Mons. Vella, wieħed malajr jinduna kemm Dun Alwiġ kien jippossiedi sewwa x-xjenzi sagri, speċjalment it-Teoloġija.

Miet fis-17 ta' Lulju 1928.

Nirrakkomanda din il-paġna (monsvella.com), fejn il-qarrejja jistgħu jsibu sehem kbir tal-opri tiegħu, u fuq kollox, informazzjonijiet dwar żewġ kotba tiegħu maqlubin għall-Ispanjol u diġà ppubblikati, kif ukoll traduzzjonijiet parzjali għall-Ingliż, għat-Taljan, għall-Ġermaniż, għall-Polakk, u għat-Tagalog.

Tislijiet,

P. Shaw

**O XEMX DIVINA!... (silta)**

I
Mas-sebħ filgħodu—malli nistenbaħ
O Ġesù tiegħi—titniehed qalbi
Lilek xemx tagħha—max-xewqat tiegħi
U mal-affetti—ntennilek talbi;

O Xemx divina—Ejja u bir-raġġi
Ta' dawl u sħana—tant dlamijiet
Minn ruħi tajjar —u b'nar ta' mħabba
Qalbi naddafli—minn tant ħtijiet!

II
F'nofsinhar Lilek —qalbi titniehed
Għax Int l-għajxien —u l-ħajja tagħha,
Qrib tiegħek fl-Ostja—ta' qalbi nsib
Kulma naħtieġ —ta' qawwa u saħħa:
Ejja Ġesù —xemx kollok dija,
F'ġardin ta' fjuri—qalbi biddilli,
Li ta' qdusija—ma' kull virtù,
Li jogħġbu Lilek —kull frott jagħmilli...

**MONS. LWIĠI VELLA**

## L-Akkademja tal-Malti tagħlaq 100 Sena

**Jikteb Charles Briffa**

Fl-14 ta' Novembru 2020, l-Akkademja tal-Malti għalqet 100 sena. Din il-ġrajja hija parti essenzjali mill-iżvilupp tal-kitba bil-Malti. Biex il-Malti jinkiteb kellu bżonn l-ortografija bħala għodda, u din l-għodda tathielu l-Akkademja biex l-ideat jibqgħu rrekordjati. L-ortografija Maltija nistgħu ngħidu li kellha żewġ fażijiet: (a) it-tentattivi ta' qabel l-1920 biex ikun hemm ortografija Maltija – f'din it-taqsima nagħraf żewġ stadji li huma (i) il-ħtieġa għall-esperimentazzjoni u (ii) l-ħtieġa soċjali; u (b) l-iżvilupp tal-ortografija Maltija wara l-1920 – f'din il-parti nsibu żewġ stadji oħra li huma (i) il-ħtieġa għall-għaqda u (ii) l-ħtieġa għat-titjib tas-sistema.

Il-ħtieġa privata biex il-Malti jinkiteb ħassha Pietru Caxaro (m. 1485) fis-seklu 15: kienet x'aktarx xewqa personali sabiex jitħażżeż ħsieb letterarju bil-Malti. Imbagħad insibu t-tentattivi bikrin biex jinkiteb il-Malti fis-seklu 17 minn Ġ. Bosio (1602), H. Megiser (1611), Ġ.F. Abela (1647), P. Skippon (1664), u G.F. Bonamico (1672-1675). F'din il-fażi esploratorja (li fiha hemm element ta' kurżità) kien hemm it-tiftixa għall-possibilità ġdida. Il-Malti kien bħal art verġni għall-kitba, u ried lil min jesplorah għal raġunijiet letterarji u għal raġunijiet ta' dizzjunarju.

Fis-seklu 18 bdiet tinħass aktar il-ħtieġa soċjali għall-kitba Maltija, u hawn nistgħu nsemmu l-Malti miktub minn Franġisk Uzzino (1678-1767) awtur ta' katekiżmu, Ignazio Saver Mifsud (1722-1773) li kiteb il-prietki tiegħu, Ġ.F. Agius de Soldanis (1712-1770) li ħallielna għadd ta' djalogi, grammatika, u dizzjunarju mhux ippubblikat, Thezan (1721) li sawwar l-istruzzjonijiet għas-suldati u għadd ta' regoli għal-lingwa Maltija, Gioacchino Navarro (1748-1824) li kiteb xi għanjiet, Patri Fidiel (1762ċ-1824) li ħallielna xi kurunelli, u M.A. Vassalli (1764-1829) li tana xi studji u dizzjunarju.

Il-ħtieġa soċjali kompliet titwessa' fis-seklu 19 u mal-oqsma ta' hawn fuq żdiedu: il-qasam edukattiv, il-qasam politiku, u l-qasam ġurnalistiku. Il-kitba bil-Malti fis-seklu 19 kompliet tiżviluppa għax il-ħtieġa soċjokulturali kienet li l-kitba Maltija kellha tagħti direzzjoni ġdida l-mod ta' kif il-Maltin bdew iħarsu lejn id-dinja tagħhom.



**Il-Kumitat u l-Kummissjoni tal-Għaqda tal-Malti (1922), Ritratt meħud mis-sit tal-Akkademja tal-Malti. Mix-xellug għal-lemin: bilwieqfa - Ġużè Micallef, Rog. Cachia, A.M. Borg, F.S. Caruana u Ġużè Micallef Goggi; bilqiegħda - Ġużè Darmanin Demajo, Dun Karm Psaila, Ġużè Muscat-Azzopardi, Ġanni Vassallo u Ninu Cremona.**

Din il-ħtieġa soċjokulturali għall-kitba tal-Malti ġabet magħha, sa qabel l-1920, bosta sistemi ortografiċi li qatt ma qabdu art. Dawn is-sistemi taw erba' għamliet ta' alfabetti: alfabett Malti bbażat fuq sistema Taljana – min kien favur dan l-alfabett kien jgħid li t-tagħlim tal-Malti kellu jgħin it-tagħlim tat-Taljan; alfabett Malti bbażat fuq sistema Għarbija – min kien favur dan l-alfabett kien jisħaq li l-Malti huwa Semitiku u għandu jiġi ttrattat bħal-lingwi Semitiċi l-oħra; alfabett Malti bbażat fuq sistema mħallta ta' alfabett Latin u alfabett Għarbi – l-argument hawn kien li l-Għarbi għandu jgħin biss biex jakkomoda dawk il-ħsejjes Maltin li ma setgħux jitfissru sew bl-alfabett Taljan; u alfabett Malti bbażat fuq sistema mħallta ta' alfabett Latin u simboli ġodda – is-simboli kellhom ikunu jew ittri Latini bid-dijakritiċi fuqhom jew sinjali għalkollox ġodda.

Fost il-ħafna sistemi ta' min isemmi dawn l-alfabetti: ta' De Soldanis (1750), ta' Vassalli (1790-1827), ta' Vella-Pulis (1824), ta' Stefano Zerafa (1827). ta' G.P. Badger (1841), tal-Accademia Filologica (1843), ta' F. Panzavecchia (1845), ta' G.B. Falzon (1845), tax-Xirka Xemija (1880), u ta' Ġ. Vassallo (1901). Dan ifisser li kulħadd kien jikteb kif irid qabel l-1920.

Fl-1920 twaqqfet l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti (illum magħrufa bħala l-Akkademja tal-Malti) bil-għan ewlieni li tistandardizza ortografija xierqa għall-kittieba Maltin. Ħatret kummissjoni biex tfassal




Biex nieħdu idea kemm is-sistemi ortografiċi tal-pre-1920 kienu jvarjaw ħa nieħdu ittra waħda biss u nimxu mal-iżvilupp tagħha sakemm ġiet stabbilita mill-Akkademja tal-Malti wara l-1920. (Ara Tabella 1)

Meta twaqqfet l-Akkademja tal-Malti din l-ittra ġiet stabbilita "w".

Deċiżjoni fissa li ħarġet minn dan ix-xogħol kollu kienet li l-Malti għandu jinkiteb b'ittri Latini (mhux b'alfabett Għarbi). U din kienet deċiżjoni kulturali stabbilita mill-esperimentazzjoni nnifisha tal-istudjużi.

Maż-żmien bdew jinħolqu xi diffikultajiet u l-Akkademja bdiet toħroġ regoli tal-kitba biex tiċċara l-problemi. Meta mbagħad twaqqaf il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti (2005) beda jieħu ħsieb l-ortografija hu.

ortografija uniformi, u din il-kummissjoni għaddiet il-frott ta' ħidmitha għall-approvazzjoni tal-Għaqda fl-1921. F'laqgħa kbira tal-imseħbin, l-Akkademja approvat id-dokument dwar l-alfabett fit-18 ta' Diċembru 1921. Wara din il-laqgħa Ninu Cremona u Ġanni Vassallo qabdu r-regoli tal-ortografija li kienu approvati u fassluhom fit-Tagħrif fuq il-Kitba Maltija li ġie ppubblikat mill-Istamperija tal-Gvern fl-1924. L-Akkademja mbagħad bdiet toħroġ ir-rivista tagħha 'Il-Malti' biex tippromovi l-ortografija tagħha u l-letteratura Maltija. Din l-ortografija mbagħad ġiet rikonoxxuta mill-Gvern fl-1933, u kulħadd beda juża din l-ortografija.




**Librett li tqassam lejn l-aħħar tas-sena 2020 lill-membri tal-Akkademja tal-Malti**

| L-iżvilupp tal-ittra "w" fil-Malti | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Caxaro (1536): **gu, hu, uc, u, v** | G.F.Abela (1647): **u, ü** | G.F.Bonamico (1680?): **uu, u** | Thezan (1721): **u, ü** | G.F.Agius de Soldanis (1750): **u/U, v/V** |
| M.A.Vassalli (1790-1827): **u/U, v/V** | Vella-Pulis (1824): **u** | Stefano Zerafa (1827): **w/W, u** | G.P.Badger (1841): **U** | Accademia Filologica (1843): **u** |
| F.Panzavecchia (1845): **U** | G.B.Falzon (1845): **U** | Xirka Xemija (1880): **w/W** | Ġ.Vassallo (1901): **w/W** | A.M.Caruana (1903): **u** |

**Tabella 1**




***IR-REĠISTRU TAL-IMWIET FIL-PARROĊĊA ARĊIPRETALI MATRIĊI TAŻ-ŻEBBUĠ GĦAWDEX*, ta' Horatio C. R. Vella, (Gozo Press; 2020) 288 paġna.**

**Reċensjoni ta' Geoffrey G. Attard**

Il-Professur tal-ilsna klassiċi Horatio Caesar Roger Vella żgur li m'għandu bżonn ta' ebda introduzzjoni. Ismu huwa sinonimu mal-istudju tal-ilsien Grieg u dak Latin u għal bosta snin għallem dawn l-ilsna f'universitajiet barra minn Malta kif ukoll f'pajjiżna. Nistgħu ngħidu li ismu huwa marbut darba għal dejjem mat-traduzzjoni mill-oriġinal tal-poeżija twila medjevali *Tristia ex Melitogaudo* miktuba minn ilsir fil-ħabs taċ-Ċittadella fis-seklu tnax, u issa ppubblikata biex igawdiha kulħadd.

Dan l-aħħar, il-Professur Vella tana studju interessanti bl-isem *Ir-Reġistru Tal-Imwiet fil-Parroċċa Arċiprietali Matriċi taż-Żebbuġ Għawdex*. Minbarra li jgħallem il-klassiċi, Vella qatta' ħafna ħin f'diversi arkivji ta' pajjiżna u saħansitra anke dak tal-Franġiskani Minuri fl-Art Imqaddsa. Il-ħin li qatta' fl-arkivju parrokkjali tal-parroċċa ta' Santa Marija taż-Żebbuġ Għawdex qiegħed issa jħalli l-frott bnin tiegħu. Wara li ħareġ il-ktieb tassew voluminuż bl-isem *Żebbuġ of Gozo* li nistgħu ngħidu li huwa studju interessanti u dettaljat tar-raħal taż-Żebbuġ u li jiġbor fih ħafna mill-istorja u anke mill-antropoloġija (laqmijiet, kunjomijiet, arbli tar-razza) ta' din il-lokalità l-aktar fuqana ta' Għawdex, issa qed jagħtina ktieb li b'xi mod ikompli miegħu. Din id-darba, Vella tefa' ħarstu fuq ir-reġistru tal-imwiet ta' din il-knisja li saret parroċċa fl-1688 bit-twajjeb Dun Franġisk Vella bħala l-ewwel kappillan tagħha. Fid-daħla tal-ktieb huwa jagħti r-raġuni għalfejn qabad ma' dan ir-reġistru u mhux dak tal-magħmudijiet jew taż-żwiġijiet. Fost l-oħrajn huwa jispjega għalfejn: 'Għaliex ir-Reġistri tal-Magħmudijiet, Griżma tal-Isqof u taż-Żwiġijiet, jagħtu informazzjoni minima' (mill-kelmtejn qabel). Għall-kuntrarju, dawk tal-imwiet jagħtu 'deskrizzjoni ġeneralment bil-Latin, ta' kif dik il-mewt seħħet, tal-etajiet tal-mejtin u ta' fejn indifnu'.

Mingħajr dan il-ktieb ma konniex inkunu nafu ħafna dettalji dwar diversi parruċċani taż-Żebbuġ li għexu matul dawn l-aħħar tliet mitt sena u aktar li l-lokalità ilha parroċċa. Joħroġ għad-dawl ħafna tagħrif ġdid dwar diversi saċerdoti Żebbuġin li ħadmu kemm fil-parroċċa tagħhom kif ukoll fi knejjes oħra bħalma huma l-parroċċa ta' Sannat, dik tal-Katidral u oħrajn. Interessanti wkoll it-tagħrif dwar il-mod u manjiera li biha dawn in-nies ħallew din id-dinja. L-arkivju huwa għajn ta' tagħrif siewi u mingħajr persuni bħall-Professur Vella, ħafna materjal jew jibqa' midfun għal dejjem jew inkella jaqa' fil-periklu li jintilef. Grazzi għal persuni bħal dawn, wieħed jista' jinseġ aħjar l-istorja ta' pajjiżna u jsir aktar familjari mal-ħajja ta' kuljum ta' ħafna nies komuni li m'għamlux isem bħal sħabhom li telgħu fl-ogħla skaluni tas-soċjetà. Kif semmejt aktar qabel, Vella huwa midħla tax-xjenza tal-ġenealoġija u allura fl-appendiċi jagħtina 57 siġra ġenealoġika li tkompli titfa' aktar dawl dwar ir-rabtiet tad-demm li hemm bejn diversi Żebbuġin, u li jiftiehmu aktar meta wieħed iqis li fis-soċjetà Għawdxija tal-imgħoddi, ħafna kienu jippreferu jiżżewġu fir-raħal stess u għaldaqstant ħafna kienu jkunu dawk li jiżżewġu lil qrabathom stess. Il-ktieb fih ukoll żewġ indiċi li jgħinu lill-qarrej u lir-riċerkatur biex jikseb it-tagħrif li jrid mingħajr ħafna ħela ta' ħin.

Dan il-ktieb li l-Professur Vella qiegħed jagħtina jiswa mitqlu deheb għal min għandu għal qalbu l-istorja tal-gżira Għawdxija u b'mod partikulari għaċ-ċittadini Żebbuġin li jgħożżu għeruq ġrajjiethom u r-raħal li wellidhom. Kopji tal-ktieb jinkisbu mingħand l-awtur innifsu.




## LINA BROCKDORFF - IR-REBBIEĦA TAL-MIDALJA TAD-DEHEB TAL-AKKADEMJA 2020

**Diskors ta' Sergio Grech**

Għoti tal-Midalja tad-Deheb mill-Akkademja tal-Malti lil Lina Brockdorff.
4.12.2020

Eċċellenza President ta' Malta,
Sinjura Vella,
Sinjura Presidenta tal-Akkademja tal-Malti,
Mistednin distinti,
Membri tal-Akkademja tal-Malti,

Għażiża Lina,

"Meta smajt li Lina Brockdorff saret il-President tal-Għaqda Letterarja Maltija flok John C. Friggieri bdejt inrodd is-slaleb. Għidt f'qalbi – mela tilfu rashom. Għax ma kont għadni qrajt ebda xogħol minn tagħha. Ftit wara ħadt sehem fix-xandira tal-'Ġnejna Maltija' u fiha qrat poeżija tagħha. Għoġbitni għall-oriġinalità tagħha u d-delikatezza tal-ħsieb. Mhux wisq wara saret il-laqgħa f'ġieħ l-ex President u hemmhekk Lina farfritilna diskors bil-fjokki! U jekk kelli xi biża' li l-Għaqda tagħna kienet f'idejn bla ħila, neħħejtha."

Dik is-silta li għadni kemm qrajt hija meħuda minn reċensjoni ħafna itwal li l-awtur Rabti Kilin, awtur fost l-oħrajn ta' *Tmint Ijiem fi Dragunara*, *Fuq il-Għajn ta' San Bastjan* u *L-Għafrid* kien għamel tar-rumanz *Kien Kwinta l-Qamar* li Lina Brockdorff kienet ippubblikat fl-1974. Ir-reċensjoni ta' Kilin kienet dehret fil-'Forum' ta' Marzu 1974 – rivista li kienet tippubblika l-Għaqda Letterarja Maltija. Rivista li dik il-ħabta kienet tiġma' flimkien awturi stabiliti, awtur mhux daqstant magħrufa, imma kienu ilhom żmien jiktbu, kif ukoll awturi żgħażagħ fosthom dawk li fis-sittinijiet kienu waqqfu l-MQL.

Ir-rumanz *Kien Kwinta l-Qamar* kien l-ewwel okkażjoni tiegħi biex niltaqa' l-ewwel darba ma' Lina Brockdorff. Ma kinitx laqgħa fiżika u dik il-ħabta kont għadni żerbinott għatxan li naqra bil-Malti u b'ilsna oħra.

Niftakar li fid-dar ta' ommi u missieri, fil-kamra tas-sodda tagħhom kien hemm żewġ komodini mimlija kotba. Kienu l-biċċa l-kbira rumanzetti Ingliżi li aktarx jinqraw minn udjenza femminili. Kienu t-tip ta' kotba li aktarx kienu jinqraw minn xi ħadd fuq btala jew purament għall-mogħdija taż-żmien. Xejn toqol u ħafna mili tal-ħin liberu. Dak iż-żmien ir-refuġju għall-kotba għalija kienet Margaret tal-gazzetti tal-pjazza tar-raħal li l-Eċċellenza u s-Sinjura tiegħu bla dubju jafu għal min qed nirreferi. U tistgħu timmaġinaw li ktieb bil-Malti interessanti minkejja t-twiddiba tal-frotta pprojbita.

Dawk il-komodini kienu żona ħamra u dawk il-kotba ma stajtx immisshom. Kienu fuq l-indiċi tal-projbizzjoni minkejja li l-indiċi kien tneħħa fit-tarf tas-sittinijiet. U fost dawn il-kotba kien hemm *Kien Kwinta l-Qamar* ta' Lina Brockdorff. Billi kien bil-Malti, rajt kif għamilt u żidtu mal-kotba tal-librerija tiegħi. Niftakar li dik il-ħabta kien interessani ħafna d-daqs tal-ktieb li f'għajnejja deher pjuttost insolitu, il-kulur tal-qoxra, l-immaġni tal-Imdina fil-qoxra u l-famuż qamar mingħalija lewn il-fidda – element naturali li mhux darba jew tnejn ġie ttrattat fil-letteratura u anki fil-mużika.

Maż-żmien sirt naf lil Lina Brockdorff personalment u kelli anki  l-unur li naħdem spalla ma' spalla

magħha minkejja li kont żagħżugħ imma dejjem laqgħetni bħala wieħed mill-grupp letterarju tagħha u dejjem emmnet fija. L-istess komma użatha għall-ħaddieħor.

Għadni niftakar meta kollni tferfir kont attendejt għas-serata ta' premjazzjoni ta' konkors letterarju organizzat mill-Għaqda Letterarja Maltija. Jien kont daħħalt poeżija jew insomma tħarbixa u niftakar li fost il-ġurati kien hemm Kilin u dakinhar kienet ħalliet impatt fuqi l-poeżija rebbieħa li kienet ta' Louis Briffa. Minn hemm kont tlaqt bil-parir ta' Kilin li kien kellimni hu nnifsu biex naqra kemm niflaħ. Kont mort id-dar determinat li nissieħeb f'din l-għaqda sakemm b'xi mod ismi kien deher ma' membri veterani oħrajn tal-Għaqda fejn f'laqgħa ġenerali sibt ruħi membru u wara wkoll segretarju fejn domt għal snin sħaħ. Kelli taħt l-20 sena meta fdawni b'dik ir-responsabilità.

Meta jien sirt segretarju Lina kienet temmet il-perjodu tagħha ta' Presidenta u minflokha laħaq Joseph Sciberras, imma Lina baqgħet magħna fil-kumitat.

Imma anki jekk mhux fir-ras tal-ġerarkija, kienet dejjem attiva fl-ideat u turi l-opinjonijiet tagħha. Xi kultant anki titmasħan xi tnejn meta tħoss li l-Malti kien qed jaqla' fuq wiċċu speċjalment meta konna nikkorrispondu ma' xi entità pubblika jew bank u nesiġu biex il-korrispondenza tintbagħat bil-Malti u dawn min-naħa tagħhom lanqas biss kienu jibagħtu lura vers li l-korrispondenza ħaduha. Lina kienet tweġġa' wkoll meta ġieli ġew drabi li konna norganizzaw attività u l-attendenza tal-membri kienet tkun baxxa.

Nistqarr li ta' żagħżugħ kien hemm diversi lati li kienu jolqtuni f'Lina sa mill-ewwel darba li ltqajt magħha. L-ewwel nett kien hemm il-fatt li Lina kienet mara li rnexxielha tidħol f'kumitat pjuttost maskili tal-Għaqda Letterarja Maltija u mhux hekk biss tieħu l-presidenza fi żmien meta l-ħajja pubblika ma kinitx taġevola wisq in-nisa. Jien lil Lina nafha dejjem *smart*, liebsa pulit u kif jixraq għal kull okkażjoni. Kellha ċerta indipendenza. Kienet issuq pereżempju. Kienet ta' ispirazzjoni. Jien niftakarha tagħmel il-Baċellerat fit-Teoloġija, fi żmien li jien ukoll kont qed nagħmel il-Baċellerat tiegħi fl-Istorja, u wara l-Maġisteru fit-Teoloġija. Aktarx kienet waħda mill-ewwel nisa li kisbet dan il-grad




**Uħud mill-kotba ta' Lina Brockdorff**

akkademiku fit-Teoloġija. U lili kienet dejjem tħeġġiġni biex nistudja, nitgħallem u nikteb.

Kien żmien li fih tgħallimt ħafna. Minn żagħżugħ pjuttost moħħ ir-riħ bdejt nara l-mod kif jiffunzjonaw il-kumitati. Il-kunċett ta' mozzjonijiet bil-proponent u s-sekondant. L-elezzjonijiet waqt laqgħa ġenerali b'xi ħadd bħal George Falzon jipprepara l-voti u t-timbri. Iż-żamma tal-minuti b'ċertu vokabularju fiss u jien kont ninsisti li jkunu twal dik il-ħabta biex kemm jista' jkun li nikteb jaqbad l-ispirtu tal-laqgħa kemm jista' jkun. Konna norganizzaw diversi konkorsi letterarji u dawk kien fihom sfida u s-sabiħ kien meta niskopru ismijiet ġodda għall-ewwel darba u wara dawn anki jissuktaw jiktbu u jibdew it-triq mhux dejjem faċli tal-pubblikazzjoni. Kien żmien l-antoloġiji fejn bħala awturi konna litteralment nixtru l-paġna biex jidher ix-xogħol tagħna. Il-konkors Pinna Żagħżugħa fejn litteralment kienu jieħdu sehem fih mijiet ta' studenti sekondarji u Lina mhux darba kienet tiġi inviġilatriċi u probabbli xi testi kkoreġiet ukoll. Tant kien ta' suċċess dan il-konkors li niftakar li darba korrispondent anonimu fit-Times

kien irrefera għall-ambigwità, skont hu, ta' xi titlu li ngħata għall-istudenti. Niftakar il-laqgħat sbieħ li konna għamilna kull darba li ġie Malta xi msieħeb emigrant bħal Manwel Cassar. Niftakar l-aċċess għall-Mitħna ta' Ganu li kien jagħtina Gabriel Caruana biex nużaw il-Mitħna ta' Ganu. Fiha lqajna hemm lil Karmen Mikallef Buħaġar. Għadni niftakar lejla minnhom kien tfaċċa Lino Spiteri u mill-kowt li kien liebes ħareġ poeżija u qraha hemmhekk. U f'kull waqt li qed insemmi Lina kienet hemm.

Għadni niftakar, u persważ Lina bħali, lil Kelinu Cachia pereżempju. Lil George Falzon. L-aħwa Sciberras u tant oħrajn ... Darba sa kien hemm ex-President tal-Għaqda Letterarja Maltija meta lili kien tani ċanfira kif tmiss il-liġi u Lina kienet qabżet għalija u ħadmet biex tiċċara s-sħab li kien inġemgħa. Lina baqgħet mal-Għaqda sal-aħħar. Sakemm kien hemm id-deċiżjoni li xxolji. U naf li kienet ippruvat fuq li ppruvat biex tagħtiha l-bewsa tal-ħajja. Għax kif kitbet fl-Għadd 120 fil-'Folju t'Aħbarijiet' ta' Settembru 1997, "l-Għaqda



**Aktar kotba ta' Lina Brockdorff**

Letterarja Maltija ma kinitx għalija xi ħaġa ta' passatemp, kienet biċċa integrali minn ħajti u l-imseħbin l-oħra ħbiebi tabilħaqq."

U nammetti, għalkemm f'din il-fażi jien ma kontx hemm, Lina u jien bqajna ħbieb u bejn xi telefonata jew xi email dejjem żammejna kuntatt. Xi drabi anki biex tgħinni f'xi biċċa riċerka jew meta ridt nidentifika xi persunalità partikulari.

F'intervista fuq Campus FM niftakarha tgħidli li hi tħossha misruqa minn tfulija diċenti minħabba t-Tieni Gwerra Dinjija, tifkirietha jsibuhom f'*Sireni u Serenati* li anki nqaleb għall-Ingliż. Is-sireni li kienu jbeżżgħu waqt li s-serenati ta' missierha kienu jtaffu ftit mid-dwejjaq ta' familja li kienet fil-periklu bħal tant familji oħrajn li daqu l-perjodu bil-mewt imdendla fuq rashom. Lina twieldet fl-1930. Tal-gwerra kien żmien il-ġuħ. Kif stqarret f'intervista ma' Patrick J. Sammut "kellna fuqna ġuħ kbir għax ir-razzjon ta' kwart u nofs ħobż għal kull adult ma kienx biżżejjed ... barra mill-fatt li ma kienx hawn ikel ieħor li bih stajt timla żaqqek ... Dqiq xejn ... Konna nieklu saħansitra ikel tal-bhejjem bħall-ġulbiena minflok il-piżelli li konna nagħmluha speċi ta' minestra ... "

Imma Lina hi eżempju ta' tenacità. Grazzi għall-KKM, Horizons u BDL rajna l-kxaxen jinfetħu u minnhom joħorġu 12-il rumanz u 5 ġabriet ta' novelli, minbarra l-ktieb li semmejt li personalment hu l-favorit tiegħi.

Lina għandha udjenza li tħobbha. Għandha l-qarrejja tagħha. Għandha ċertu segwitu. L-istil tagħha mhux goff u forsi xi drabi jaf ikun prevedibbli. Imma donnu Lina tippreferi li kull maltempata tagħlaqha bil-bnazzi. Hemm il-valuri f'Lina. Hemm jgħumu x-xewqat li hi tixtieq tara għal dan in-nazzjon anki jekk mhux spelluti ċari u diretti.

Ta' Lina hi kitba nadifa ħafna drabi. Bi tmiem pożittiv. B'alternattiva fil-komma għal dinja li tara l-iswed biss u tigglorifikah. Kontra dak li Benedittu XVI laqqamha l-kultura tal-mewt.

Inkun qed nonqos jekk ninsa li Lina messet ma' truf oħrajn. L-ewwel nett Lina hi mara li taf tikkomunika. Taf tuża u tħaddem il-kelma. Segwuha f'intervista u tinnuttaw il-*parola facile* li tħaddan. Dan ma ġiex mix-xejn. Lina kienet għalliema. Minn taħt idejha

għaddew diversi studenti. Wieħed minnhom li llum huwa pubblikatur qalli "kienet tgħallimni l-Ingliż u dak li dak iż-żmien konna ngħidulu 'Media Studies' fl-ewwel snin tas-sekondarja San Alwiġi.

Inħobbha immens lil Mrs Brockdorff (għad li qaltli miljun darba nsejħilha Lina, ma jirnexxilix għax għalija dejjem Ms Brockdorff tal-Ingliż!) - u sirt inħobb l-Ingliż u l-letteratura Ingliża naħseb bil-lezzjonijiet tagħha. Kienet għalliema eċċellenti u fuq kollox kienet tittrażmetti l-imħabba għall-Ingliż u għal-letteratura ..."

Lina kitbet ir-radjudrammi. Kellha programmi fuq ir-Redifussion fi żmien pereżempju Patri Born. Kienet għamlet adattament pereżempju fost il-programmi tagħha ta' *Wenzu u Rożi* tal-mibki l-Avukat George Zammit. Kienet fil-Moviment tal-Malti li kien waqqaf il-Baruni Kelinu Vella Haber. Lina kienet tieħu sehem fix-xandira tal-Għaqda Letterarja Maltija 'Mill-Ġnejna Maltija'. Kien programm segwit dak iż-żmien qabel mal-programmi letterarji nazzarda ngħid inbelgħu mill-'Ġabra Letterarja' ta' Aquilina u l-istess Aquilina kien riedha tieħu sehem fis-sensiela tiegħu. Lina tiftakar żgur lil Kelinu Cachia t-Teżorier li kien sab mod inġenjuż kif iżomm il-menswalità tal-membri mħallsa. Billi dik il-ħabta r-Rediffussion kien iħallas lill-awturi, Kelinu kien juża lilhom biex iġedded il-menswalità tal-membri. Kien raġel ħelu b'qalb dejjem tajba u min jaf kemm kellimni fuq muża u mhux muża.

Meta fid-disgħinijiet tas-seklu l-ieħor erġajna bdejnieh 'Mill-Ġnejna Maltija' bi żmien anki nxandruh minn fuq FM Bronja, Lina ma kinitx tonqos li tieħu sehem. Dik il-ħabta konna qlibna ta' taħt fuq l-istil tal-programm u konna anki bdejna l-intervisti mal-awturi, pereżempju anki dawk li ma kinux membri fl-GĦLM, b'siltiet ta' recordings minn lejliet letterarji.

Irrid insemmi li Lina kienet attiva wkoll fil-qasam tal-lajċi u naf li kienet tagħti s-servizzi tagħha *senza interessi* b'risq il-proxxmu favur il-kawża li kienet temmen fiha.

Imma l-aqwa ta' Lina tibqa' l-kitba. Hi stess stqarret "Diment li għadni niflaħ nikteb beħsiebni nkompli. Nippreferi jum bla ikel minn jum li ma nikteb xejn ġdid."



Lina, mur għidlu lil dak iż-żagħżugħ li inti darba fdajt biex ikun segretarju tal-għaqda letterarja Maltija, illum se jkun xhud tal-għoti lilek tal-Midalja tal-Akkademja tal-Malti u anki jkun mistieden jgħid dawn il-kelmtejn dwarek.

Awguri Lina Brockdorff. Fuq kollox awguri għal iktar kitba.

Grazzi.

## LIL OLIVER FRIGGIERI: POETA, ĦABIB U ĠENTLOM KBIR

Funtana
tnixxi u tixgħel bl-għerf
issa siekta
imma d-diwi tagħha
jibqa' għal dejjem....

**NOEL FABRI**

## TISLIMA LIL OLIVER FRIGGIERI
## Mhux kulħadd tmissu l-istess xorti

**Kitba ta' Carmen Dimech minn Ħaż Żebbuġ**



Ikolli ngħid li, jekk għandi elf difett, dak li niftaħar bija nnifsi ma naħsibx li hu wieħed minnhom. Imma jkolli nistqarr ukoll li, meta smajt l-aħbar ta' diqa li l-Professur Oliver Friggieri ħalliena, mill-ewwel mort niftaħ l-album tar-ritratti (li jiena nsejjaħlu l-album ta' ħajti) għax ftakart li jien ukoll għandi ritratt ma' dan il-bniedem kbir imma, fl-istess ħin, daqstant umli. Ma stajtx ma niftakarx fil-laqgħa sabiħa li darba, snin ilu, messitni x-xorti li jkolli miegħu meta kien ippreżentali xi ċertifikat għal xi ħaġa li kont ktibt jew għal xi konkors li kont irbaħt. Ma niftakarx xiex u mhux importanti. Ngħidilkom is-sewwa, għamilt ftit tal-ħin mhux ħażin inħares lejn dak ir-ritratt u, inkompli nqerr magħkom, ħassejtni xi ftit imkabbra bija nnifsi wkoll. U kif stajt ma nkunx; personalità bħal dik tal-Professur Friggieri!

Tifhmunix ħażin tafux! Il-kobor huwa tiegħu, mhux tiegħi. M'għandi ebda ħsieb li noħodlu xi farka mill-mertu li jixraq lilu u lilu biss. Dwar Oliver Friggieri diġà nkiteb ħafna u għad jibqa' jinkiteb ukoll. U dan mhux biss għax kien ikona tal-letteratura Maltija imma anki għax baqa' jgħallimna sal-aħħar nifs ta' ħajtu mingħajr qatt ma ppretenda xejn lura bi ħlas. Anzi, kont timbarazzah jekk ifettillek imqar tfaħħru f'wiċċu.

Imma, dak li ma jgħidx hu, ngħiduh aħna. Ngħid għalija, malli nirċievi l-magazine, 'L-Anzjani Llum', dritt infittex li naqra l-paġna tiegħu, li qatt ma naqset. Lili, minbarra d-dedikazzjoni li kellu lejn dak kollu li huwa Malti, Oliver Friggieri jimpressjonani wkoll għall-imħabba kbira li kellu kemm għall-ġenituri tiegħu (speċjalment għal ommu) kif ukoll għall-post sabiħ fejn twieled u trabba, il-Furjana. Oliver kien bniedem ta' valuri sbieħ u sodi. Veru li hija kerha l-firda minn ma' bniedem daqshekk għażiż. Imma, fl-istess ħin, kemm hija ħaġa sabiħa meta dak li jkun iħalli warajh wirt daqstant għani bħalma ħalla Oliver! Għax warajh, il-Professur Friggieri ħallielna minjiera ta' għerf kbir li, jgħaddu kemm jgħaddu snin, jibqa' jiġi mfittex mill-ġenerazzjonijiet li għad iridu jiġu għax dejjem ser jibqgħu isibu x'jitgħallmu minnu.

Il-magazine 'L-Anzjani Llum' tilef kontributur regolari ta' stoffa imma Malta kollha tilfet ġentlom ta' veru u akkademiku mill-aqwa li x-xogħol tiegħu huwa magħruf anki barra minn xtutna. Mhux ta' b'xejn li l-pajjiż għamillu funeral statali tassew dinjituż. Ma kienx jixraqlu inqas minn hekk.

Il-poeżija tant sabiħa tiegħu, 'Requiem għal ommi', Oliver jibdiha hekk:

*Le, ma tistax, Mulej, lil din il-mara*
*ma ssibilhiex xi post fl-ewwel filliera*
*tal-ġenna tiegħek. Jekk il-patrijarki,*
*il-verġni u l-profeti u l-irjus l-oħra*
*diġà ħadulek dan l-ispazju, qajjem*
*xi ħadd minn hemm u qiegħed lilha f'postu.*
*Hekk biss isir il-ħaqq ma' din il-mara.*

Jien għandi fidi qawwija li Oliver hemm sabha lil ommu, fl-ewwel filliera. Però, nissusspetta wkoll li, ta' għaref li kien, Oliver kien jaf x'qed jagħmel u, lill-Mulej talbu hekk biex hi tkun tista' żżommlu post ħdejha! U ma jixraqlux inqas minn hekk lanqas. Iktar 'l isfel, fl-istess poeżija, Oliver ikompli jgħid:

*Sibilha dak il-post fl-ewwel filliera*
*u qajjem lil min ġà ħadilha postha*
*għax Inti wegħedt li jogħla min jitbaxxa*
*u min kien l-aħħar għandu jiġi l-ewwel.*

Min kien jaf lil Friggieri sewwa jista' jgħid kemm dan il-kliem jgħodd għal Oliver stess għax, fuq kollox, il-Professur Oliver Friggieri kien bniedem tassew umli u għax min jiċċekken għandu jkun merfugħ 'il fuq. Hekk biss isir il-ħaqq ma' dan ir-raġel!




## Apprezzament tal-kitba tal-PROFESSUR OLIVER FRIGGIERI

**Jikteb Victor V. Vella, B.A., M.A. (Sydney Univ.)**

Għadni narah wara l-iskrivanija li kellu fil-kamra kennija fid-dar tiegħu f'Birkirkara mdawwar bil-kotba u bil-gazzetti, u biċ-ċertifikati u unuri oħra li akkwista maż-żmien. Konna niddiskutu l-introduzzjoni tal-ktieb tal-istejjer li kont se nippubblika taħt l-isem *Il-Festa tal-Ħuta*. Le, ma kontx nipperswadih biex jiktibli l-introduzzjoni. Ma kienx minn dawk li juri kemm hu importanti billi jgħid u jagħmel enfasi fuq il-fatt 'għax jien *busy*... u għandi ħafna x'nagħmel.' U x'jagħmel kellu bħala professur tal-Malti, filosofu li jrid iżomm ruħu *up to date* mal-ideat antiki u ġodda u mal-kitba li kien jikteb u kiteb matul ħajtu. Oliver kellu waħda: kien jagħmel kuraġġ lil dak li jkun speċċalment lil xi 'awtur' ġdid. U l-kuraġġ ikollok bżonnu. Iva, fil-każ tiegħi kont diġà ppubblikajt ktieb jew tnejn fuq it-tagħlim tal-Malti imma ma kontx għadni ssugrajt noħroġ mill-kontroll tal-linji tal-grammatika u l-bqija tal-lingwa u naqbeż fil-qasam tal-immaġinazzjoni, li nivvinta rakkont, storja li, iva, fiha tifsira imma dejjem tibqa' ħolqien tiegħek ibbażat fuq il-verità.

Niftakar li kien għamilli kuraġġ li kelli bżonn biex nissogra nuri l-immaġinazzjoni fil-beraħ. Kien ħa pjaċir meta stedintu jiktibli l-introduzzjoni li għamilli u li fiha kompla għamilli kuraġġ li nikteb. Kellu xeħta kif jikkombina dak li jaf mingħajr ma jiftaħar jew jurih iżżejjed u wkoll jinżel għal-livell tal-poplu inġenerali. U dan kien is-sigriet tiegħu: li fil-kitba tiegħu jittratta suġġetti eżistenzjali jiġifieri fuq il-ħajja imma iniżżilhom għal-livell tal-poplu.

Jekk nieħdu r-rumanz tiegħu *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri*, li jkolli ngħid li kien il-ktieb li tah it-titlu ta' 'awtur' Malti, Friggieri jagħti ħarsa, naħseb aħjar ngħid, jattakka l-politika totalitarja, il-qawwa u l-forza ta' individwu kontra dittatur jew sistema dittatorjali. Il-bażi ta' dan ir-rumanz politiku li ħareġ fl-1986, kienet is-sitwazzjoni politika li Malta kienet għaddejja minnha dak iż-żmien. Biss ir-rumanz baqa' ħaj avolja l-faċċati bdew jisfaru għax it-tema tiegħu kienet universali u li ħarġet mill-kwadru taż-żmien li nkiteb fih. Il-kwotazzjoni tad-djalogu bejn Alessandru u Diogene li nsibu fl-ewwel paġni tal-ktieb hi xhieda ta' dan. Isimgħuha:

*Alessandru: Jien Alessandru mlaqqam il-kbir, u Diogene jirrispondi: U jien Diogene mlaqqam il-Kelb.*

Dan hu l-fus jew iċ-ċentru ta' ħafna mill-kitba ta' Friggieri: il-kunflit bejn il-kbir u ż-żgħir, bejn l-individwu u l-istituzzjonijiet, bejn il-wieħed u l-ħafna, sew il-familja sew il-folla sew pajjiż u tista' ddaħħal ukoll il-ħajja inġenerali u d-dinja. Insibu l-bniedem wiċċ imb wiċċ mal-ħajja bħalma pinġa u ttratta b'iżjed fond l-awtur Russu Fyodor Dostoevski.

Ħarsa lejn il-werrej tal-ktieb l-ieħor *Fil-Gżira Taparsi ma Jikbrux Fjuri* hi biżżejjed biex tikkonferma dak li għidt iżjed 'il fuq. F'din il-ġabra ta' stejjer jew *vignettes* fuq il-ħajja Maltija l-awtur mhux biss jieħu r-ritratti tan-nies u tal-veduti imma jidħol iżjed fil-fond u jagħtina stampa ta' dak li hemm moħbi wara l-għoljiet jew is-siġar tal-veduti. Donnu qala' l-iskeletri tal-kultura minn taħt ir-ramel tal-bajjiet sbieħ ta' Malta. F'titoli bħal 'Saver iridha ta' Mose', jew l-'Ittra ta' San Pawl lil gżira Taparsi', jew 'L-Isqof bil-qanpiena f'idu' nistgħu nħossu wkoll it-ton li bih Friggieri ttratta dawn is-suġġetti, ton iva realistiku, għax ix-xena li uża u ddeskriva b'ċertu stil naturali u dettaljat li kultant donnhom ibegħduk ftit jew wisq għal ftit mis-suġġett, imma kollha jgħinu biex joħolqu l-atmosfera Maltija. Dan Friggieri jagħmlu




mhux biex iwaqqa' għaċ-ċajt dak li jara u jisma' imma billi jġibulna quddiem għajnejna u moħħna u jdaħħal ukoll ċertu umoriżmu sottili, biex ma jaqax fi kritika diretta u sarkastika lejn dak li jkun jiddeskrivi. L-enfasi kemm fit-titolu kif ukoll fis-suġġetti li għażel u kif ittrattahom hi fuq il-kelma 'taparsi'. Dan Friggieri seta' jagħmlu u jidħol sewwa fis-suġġett għax hu jew ħajtu kienu parti jew lagħbu parti minn din ix-*show*.

Hemm ħafna modi kif tqajjem il-kuxjenza, mhux il-kuxjenza ta' bejn it-tajjeb u l-ħażin, imma billi ċċaqlaq ftit il-moħħ u tqajjem il-qalb tal-individwu. Tista' tagħmih bil-ħafna wegħdiet sbieħ b'ħafna tlellix fil-futur, tista' ssabbat l-imwejjed u xxejjer il-ponnijiet fl-ajru minn fuq trakk, tista' tgħallimhom bl-amment li huma għandhom bżonn min imexxihom, u tista' wkoll tgħidilhom li huma l-aqwa nies tad-dinja u ammirati minn kulħadd.

Il-bżar hu effettiv kemm fil-brodu kif ukoll fl-għajnejn. Imma jekk in-niskata tikber il-bżar jitlef l-effett tiegħu għax joqtol it-togħma tal-brodu. Dan hu li Oliver Friggieri għamel fil-kitba tiegħu inġenerali: li uża l-bżar, uża din il-kritika mhux biex jippriedka u jgħallem u jikkonverti u jipperswadi lil min jisma' jew jaqra imma li jġiegħlu jaħseb u jara u jħares lejh innifsu u wkoll lejn is-soċjetà li jgħix fiha.

Fid-daħla qasira li l-ġurnalista Godfrey Grima kiteb għall-ġabra ta' esejs *Fil-Ġżira Taparsi* nsibu din is-sentenza: 'Dan hu wieħed minn dawk il-kotba kontroversjali għall-aħħar... li għandu jixxokkja lil mn jaqrah.' Fuq kollox għandu 'jinkwetah' fuq is-sitwazzjonijiet, fuq id-deċiżjonijiet li nieħdu fil-ħajja meta nimxu ma' 'merħla', hi taħt liema bandiera hi. Meta taqra l-kitba ta' Friggieri tagħmlek iżjed konxju minn dawn u mill-ħajja mhux biex tgħix ħajja ta' kwiet u ta' paċi imma għax iġġiegħlek tħaddem it-talenti li għandek l-iżjed li taħseb u tgħarbel iżjed fil-fond l-ideat u l-ideoloġiji tiegħek u ta' pajjiżek. Li wara kollox huma l-pedament tal-ħajja tiegħek. L-orizzont jidher sabiħ imma jista' jġib ċertu taħwid ukoll, bħalma ġara lis-Slaten Maġi meta raw lit-Tarbija f'dak il-għar fqajjar, li kif fisser tajjeb il-poeta Ingliz T.S. Eliot hekk kif telqu lura ħassew li kienu "no longer at ease here in the old dispensation..."

Tlaqna lura imma mħawdin meta rajna fiex qegħdin.

**LILL-PROF. OLIVER FRIGGIERI**
**f'jum il-mewt tiegħu**

Kont stramb f'għajnejn il-folol superjuri,
biss bqajt għaddej fejn huma ma fehmux;
tħabbibt mal-vrus bid-dmugħ li xettel fjuri,
li saltnu fl-għadd u d-daqs, fejn ma jinxfux!

U bid-dmugħ tiegħek, tan-nazzjon ridt turi
li l-emmna tagħna f'Dak li ma nafux
tinsab fid-demm, li jiġri fina kburi:
hekk tħabbat qalbna, tħuf fejn ma nobsrux!

M'għadekx kif kont, biss tibqa' tkun bħal Alla
li ma nifhmuhx, għax kbir u ċċekken wisq
fi vrus li fil-waqgħat kiteb min falla.

Iss'hekk se tibqa' tkun, mhux iktar tagħna,
biss t'Alla l-kbir Qassis u tgawdi r-risq;
poeta li bil-vrus se tibqa' magħna.

**ROBERT GATT**
**26/11/2020**

## Id-Dumnikan Baskal Vassallo, il-poeta Malti li qatt ma rajna kitbietu

**Jikteb Ivan Said**

*"Hu u jixrob b'għajnejh imwaħħlin f'tiegħi, qgħadt naħseb fuq ix-xebh li kien hemm bejn dan Baskal Vassallo u bejni. Bħali kien jikteb bil-Malti, bħali safa mgħoddi mill-ħalġ, donni bsart li bħalu kelli nduq it-titrif minn art twelidi – l-għana biss kien jagħżilna, u l-aktar għal min kien miktub."*
Mikiel Anton Vassalli f'*Il-Ħolma Maltija* (1994: 355) [1]

Il-*Kantilena* hija l-ewwel kitba bil-Malti li nafu biha u għaldaqstant ngħoddu lill-awtur tagħha, Pietru Caxaru (c. 1400–1485), bħala l-ewwel poeta Malti. Sa ma tħabbret is-sejba tagħha minn Patri Mikiel Fsdani O.P. u l-Professur Godfrey Wettinger fid-29 ta' Ottubru tal-1968 (Fsadni, 1994: 38), il-poeżija *Mejju ġie bil-Ward u ż-Żahar* tat-tabib Ġan Franġisk Bonamico (1639–1680), iddedikata lill-Gran Mastru Cottoner (Wettinger u Fsadni, 1983:12), kienet tinżamm bħala l-eqdem biċċa xogħol letterarja bil-Malti.

Iżda jekk Caxaru jista' jingħadd bħala l-ewwel poeta Malti, Bonamico ma jistax jitqies bħala t-tieni poeta li nafu li kiteb bil-Malti peress li fit-tieni nofs tas-seklu sittax ċertu Patri Baskal ('Pasquale') Vassallo, Duminikan, kiteb xi poeżiji bit-Taljan u bil-Malti dedikati lit-tfal li wħud minnhom nqerdu u l-bqija ntilfu.

Isem Patri Baskal rajnieh ifeġġ fid-dinja moderna għall-ewwel darba fl-1974 meta Patri Fsadni ħareġ il-ktieb *Id-Dumnikani fir-Rabat u fil-Birgu sal-1620* li jterraq l-istorja ta-Dumnikani f'Malta fejn fil-kaptilu dwar "Il-ħajja tal-patrijiet" naqraw dwar il-kriżi morali (1974: 212) li ħakmet lill-Ordni tal-Predikaturi f'Malta. Dan it-tagħrif dwar Patri Baskal Vassallo, Patri Fsadni siltu mill-Arkivju tal-Inkwiżizzjoni tal-Mużew tal-Katidral fl-Imdina.[2] Hu jerġa' jsemmi lil Patri Baskal fil-ktieb tiegħu, *Dumnikani Maltin magħrufa* (2003: 24) barra li saret referenza għalih fil-ktieb *L-Għanja ta' Pietru Caxaru – Poeżija bil-Malti Medjevali* (1983: 42).

Kif sirna nafu bil-kitbiet ta' Patri Baskal? Dan il-patri, imwieled Ħaż-Żebbuġ, bin Martino, daħal mad-Dumnikani fir-Rabat fl-1578 u qaddes fl-1584. Kien



Patri Mikiel Fsadno op

imqareb, laxk fil-ħajja morali tiegħu u jidher biċ-ċar li s-saċerdozju u l-ħajja reliġjuża ma kinux il-vokazzjoni tiegħu.

Kien għadu student meta ġie pproċessat l-ewwel darba iżda la nafu fuq xiex u lanqas nafu x'kien l-eżitu ta' dan il-proċess. Ftit wara li qaddes reġa' ġie pproċessat u nstab ħati li fera lill-pirjol tiegħu u "aktarx, għaliex kellu x'jaqsam mat-tifel Andrea Castelletti". Bħala pieni ta' dan l-għemil ġie mċaħħad mill-vuċi attiva u passiva u minn kull uffiċċju iżda nħafrulu fl-1586 mill-Ġeneral tal-Ordni Dumnikan.

Mid-dehra dan Patri Baskal kien ilu jikteb bil-moħbi l-poeżiji li jaħarqu, sa minn qabel ma qaddes fl-1584. Dawn il-versi – mid-dehra meqjusa inkriminanti – instabu mill-pirjol tiegħu biex b'hekk fl-1588, erba' snin biss wara li qaddes, reġa' sab ruħu fl-inkwiet iżda din id-darba fi proċess quddiem l-Inkwiżitur.

F'dawn il-proċeduri kriminali, insiru nafu li Patri Baskal kiteb bosta *cantilene* bit-Taljan u bil-Malti ddedikati lit-tfal li kienu meqjusa bħala moralment



Il-Kunvent tad-Dumnikani fir-Rabat

ħżiena. Dan ir-reliġjuż eċċentriku kiteb żewġ libretti ta' għanjiet u xi għanjiet oħra fuq bċejjeċ tal-karti.

"Wieħed mil-libretti," jikteb Patri Mikiel Fsadni, "miktub fuq folji kbar in octavo folio [15 × 23 cm], kien jibda *Questo quinterno è mio, Pasquale Vassallo* u jagħlaq bil-kitba *et fa lo disegno che vuoi tu*; l-għanjiet ta' dan il-librett aktarx kienu kollha miktuba bit-Taljan; waħda minnhom kienet dedikata lil Andrea Castelletti u oħra lil Giovanni Maria Cassia."

Patri Fsadni jkompli jirrakkontalna li "P. Vassallo kellu ktejjeb ieħor bil-għanjiet li hu kiteb bl-ilsien Malti (*Canzone in lingua maltese, canzone moresche*) u bit-Taljan: dan kien jikkonsisti f'żewġ folji kbar, kull waħda mitwija f'erba'; b'hekk b'kollox kien fih tmien folji żgħar jew sittax-il paġna. Fih kien hemm miktuba bosta għanjiet; ħamsa minnhom dedikati lil ħamest itfal mill-Imdina, Andrea Castelletti, Giovanni Maria Cassia, Giacomo Leonardo Surdo, Giovanni Maria Zammit u Girolamo Attard."

Patri Vassallo ammetta quddiem l-Inwkiżitur li kien sodomita u li kien jgħix ħajja ħażina iżda ċaħad l-akkuża li kien eretiku. L-eżilju minn Malta kien fost il-pieni li qala' Patri Baskal. Iżda b'xi mod reġa' sab ruħu Malta (1974: 217-222).

Iżda x'setgħu kienu dawn il-*cantilene* li kiteb Baskal Vassallo? Dak li kitbu Fsadni u Wettinger dwar il-kitba u l-użu tal-*cantilene*, il-poeżiji u l-għanjiet bil-Malti fi żmien Pietru Caxaru, li għex xi seklu qabel Vassallo u li bħalu Vassallo kien midħla tar-Rabat u l-Imdina, jista' jgħodd għall-kitbiet ta' Patri Baskal:

"M'għandux għalfejn wieħed jistagħġeb li Pietru Caxaru kiteb l-Għanja tiegħu bil-Malti forsi ma' għanjiet oħrajn ukoll. Nafu li f'Għawdex iż-żgħażagħ sa mis-seklu ħmistax, jekk mhux minn qabel ukoll, kellhom id-drawwa li jkantaw l-għanjiet jew cantileni fit-triqat fil-għaxijiet, għanjiet li wieħed għandu jaħseb kienu aktarx bil-Malti, dwar l-imħabba – ta' dieqa jew daħq, kif baqa' l-għana Malti sa daż-żmien. Saħansitra jidher li l-Lhud ta' Sqallija u aktarx ukoll dawk ta' Malta u Għawdex kellhom l-għana jew poeżiji letterarji tagħhom miktubin bl-Ebrajk iżda f'Għarbi mitkellem qrib ħafna tal-Malti tal-Għanja tas-seklu ħmistax, meta bejn terz u kwart tan-nies tal-Imdina kienu Lhud imrobbijin Malta u jitkellmu bil-Malti, nies li Pietru Caxaru kien jafhom sew." (1983: 41)

Għaldaqstant tabilħaqq nistgħu ngħidu li Patri Baskal Vassallo hu t-tieni poeta Malti li kiteb bil-Malti - minkejja li s'issa għadna ma rajna xejn minn kitbietu.

**Noti:**

[1] "Nafu biss illi wara xahar u għoxrin ġurnata li [Vassalli] kien ilu fil-Ħabs tal-Imdina, jiġifieri fis-7 ta' Diċembru, 1799, Vassalli marad u ħaduh fl-Isptar li kien hemm fil-Kunvent tad-Dumnikani tar-Rabat. Dan il-Kunvent dik il-ħabta kien iservi bħala sptar." (Cremona, Silta minn "Mikiel Anton Vassalli u Żminijietu", 1975).

[2] Dan l-artiklu sejjistu l-aktar fuq riċerka li wettaq u ppubblika Patri Mikiel Fsadni O.P. (T: il-15 ta' April 1916 – M: it-18 ta' April 2013). Dan l-istoriku Dumnikan hu wieħed mill-ifjen riċerkaturi tal-istorja ta' Malta li qatt ra pajjiżna u minkejja li l-qasam tiegħu kien l-istorja tad-Dumnikani f'Malta, it-tiftix tiegħu f'sorsi primarji kkontribwixxa ħafna lil oqsma varji tal-istorja ta' Malta u l-ilsien Malti. Hu wettaq ħafna riċerka f'manuskritti li hemm fil-kunventi tad-Dumnikani f'Malta, partikularment fir-Rabat, il-Birgu u l-Belt Valletta, fil-Biblijoteka Nazzjonali, fl-Arkivju tal-Inkwiżizzjoni fil-Mużew tal-Katidral fl-Imdina u fl-Arkivju Nutarili fil-Belt, l-arkivju fejn instabet *Il-Kantilena* fit-22 ta' Settembru 1966 (Wettinger u Fsadni, 1983: 11). Barra minn hekk, nistgħu ngħidu li Patri Fsadni kien wieħed mill-pijunieri tar-riċerka fl-Arkivju Nutarili peress ftit li xejn kien isir tiftix hemm qabel ma dan id-Duminikan beda jżuru biex jirriċerka b'riżq l-istorja tad-Dumnikani f'Malta li kien qed jikteb. Iżda kollox ma' kollox hija r-rabta ta' Patri Fsadni mas-sejba ta' *Il-Kantilena* li tagħmel ismu

immortali fl-istorjografija ta' pajjiżna. Skont Patri Mark Montebello O.P., għal ħafna snin kollega tal-istoriku Dumnikan fl-istess kunvent tad-Dumnikani fir-Rabat, kien Patri Fsadni waħdu li sab *Il-Kantilena* fit-22 ta' Settembru 1966. (Wettinger did not discover Caxaro's Catilena , academia.eu)

**Biblijografija:**

Cremona, Ninu, Siltiet minn *Mikiel Anton Vassalli u Żminijietu* pp 1-30, fi Journal of Maltese Studies, Essays on Anton Mikiel Vassalli, edit. Oliver Friggieri, University of Malta, 1993.

Fsadni O.P., M., *Id-Dumnikani fir-Rabat u fil-Birgu sal-1620*, Malta, Stamperija 'Il-Ħajja', 1974.

Fsadni O.P., Mikiel, *Duminkani Maltin Magħrufa 1450-2003 – Tifkiriet Bijo-Bibljografiċi*, Malta, Pubblikazzjoni Dumnikana, Malta 2003.

Fsadni O.P., Mikiel, *Esperjenzi ta' Kittieb*, Malta, Pubblikazzjoni Dumnikana, Malta 2003.

Sammut, Frans. *Il-Ħolma Maltija*, Sensiela Kotba Soċjalisti, Id-Dipartiment tat-Tagħrif, Il-Partit tal-Ħaddiema, 1994.

Wettinger, G. u Fsadni O.P., M., *L-Għanja ta' Pietru Caxaru – Poeżija bil-Malti Medjevali*, Malta, 1983.

## IL-KANTILENA ta' Pietru Caxaru

Kant l-isfortuna, ja ġirien tiegħi, ejja ngħidilkom
Li la jinsab bħalu fl-imgħoddi u la lanqas f'għomorkom.

Qalb li m'għandhiex la ħakem, la sultan u lanqas sid
f'bir bla qiegħ irmietni b'turġien miksura
Fejn, ħajran għall-għarqa, ninżel f'taraġ 'l isfel.
Nitla' u nerġa' ninżel dejjem f'baħar il-għali.

Waqgħet dari. Niżżlet is-sisien.
M'għandux tort min ħadimli, imma qatagħli l-ġebel;
Fejn ittamajt li nsib il-ġebel sibt tafal merħi.
Waqgħet dari li ili żmien nibni.

U hekk waqgħet dari; u erġa' ibniha!
Biddlilha l-art li jgħarraqha!
Min ibiddel l-art ibiddel risqu.
Għaliex l-artijiet għandhom forma għal kull xiber:
Hemm art bajda u hemm art sewda u ħamra.
Aktar minn dawn, hemm art li trid minnha twarrab.

**(minn *Pietru Caxaru u l-Kantilena tiegħu*, verżjoni ħielsa ta' Mark Montebello, Pubblikazzjoni Faraxa, 2015)**



## JOHN J. CREMONA U L-ESPERJENZA POETIKA TIEGĦU

**Jikteb Charles Briffa**

**Nota bijografika**

John J. Cremona twieled ix-Xagħra fis-6 ta' Jannar 1918. Iggradwa bil-BA (1936) mill-Università Irjali ta' Malta u ħa D.Litt. (1939) mill-Università ta' Ruma. Imbagħad daħal għall-kors tal-Liġi u kiseb b'suċċess kbir LL.D. (1942) mill-Università Irjali ta' Malta; ingħata scholarship u ġab First Class Honours (1946) u Ph.D. fil-Liġi (1951) mill-Università ta' Londra. Il-karriera tiegħu kompliet u sar wieħed mill-aktar ġuristi importanti tagħna fl-oqsma nazzjonali u internazzjonali għax (fost ħidmiet oħrajn) fassal il-Kostituzzjoni ta' Malta, laħaq Prim Imħallef, u nħatar Viċi-President tal-Qorti Ewropew tad-Drittijiet Umani.

Il-karriera poetika tiegħu bdiet minn meta beda jistudja Ruma fejn kien jippubblika l-poeżiji tiegħu bit-Taljan u rebaħ darbtejn premju fil-Mostra Nazionale di Poesia Contemporanea. Għamel żmien twil kien il-Viċi-President tal-International Poetry Society tal-Ingilterra li kellha bħala President lill-poeta u drammaturgu Ingliż Christopher Fry (1907-2005). Xi poeżiji tiegħu nqraw mill-Poet Laureate Ingliż Cecil Day-Lewis (1904-1972) fl-1969 u mir-Reġina Elizabeth II fl-1992 meta inawgurat uffiċjalment is-Siege Bell Memorial. Kiteb u ppubblika poeżiji bit-Taljan (*Eliotropi*, 1937), bl-Ingliż (*Songbook of the South*, 1940, u *Malta Malta*, 1992), u bil-Malti (*Mas-Sebħ Għasafar*, 2004, *Ekwinozju*, 2006, *Il-Kantiku tax-Xagħra: Poeżiji*, 2012, u *Poeżiji*, 2018). U ħareġ ukoll wieħed bit-tliet lingwi: *Poesie, Poems, Poeżiji* (2009).




Miet fl-24 ta' Diċembru 2020, ftit jiem qabel ma għalaq 103 snin.

**Missier il-poeżija moderna**

Il-Prof. Fr Peter Serracino Inglott (1936-2012) sejjaħlu "l-missier tal-poeżija moderna f'Malta". Hawnhekk ħa nagħti tidwiqa tal-ħila poetika tiegħu kif misjuba f'*Il-Kantiku tax-Xagħra: Poeżiji.* (Bħala Prim Imħallef Emeritus nafu J.J. Cremona u bħala poeta nafu John Cremona.) F'poeta vera, dejjem, hemm ħafna x'tiskopri.

Il-poeżija reċenti ta' John Cremona hija poeżija li (biex nissellef kliem Nietzsche) ma tagħtix fatti imma interpretazzjoni għax il-ħsieb – kull ħsieb – huwa għamla ta' perspettiva. Hija poeżija b'perspettiva interna għax tinvolvi l-ħsieb u s-sentiment fil-fokalizzazzjoni tagħha. Pereżempju, fil-perspettiva tiegħu l-Belt hija ħaġa ħajja li tfittex li "tiftaħ qalbha" ma' xi ħaġa li mhijiex hemm: il-ħerqa għas-sinċerità tixxekkel bin-nuqqas ta' xi ħadd. F'għajnejh il-kwiekeb jarahom itaqqbu l-lejl "b'timplor tal-fidda" – dik il-kelma "fidda" hija prezzjuża għalih għax twasslu biex jagħraf li l-bidliet tan-natura ma jġibu ebda firda. F'moħħu, Marsaxlokk isir "xatt joffri l-ilwien", u l-Ġnien tal-Milorda "riħa ta' għodwa fuq/ wiċċ il-ħamrija"; is-sema f'Sant Anton jidher "liżar/ stirat imperreċ/ għax-xemx", ir-raħal mimli "djar jitgezzu flimkien", u Ħal Tarxien "ikkonsagrat fiż-żmien". Id-dehriet joħorġu mill-konxju tal-poeta u jġagħluna niffokaw fuqhom.

U fuq l-iskrin tal-perspettiva tiegħu nilmaħ poeżija li tħabrek ġmielha fil-ħsieb tat-tfulija – ħsieb li jikxiflu ruħu. Għax xi tfisser li jkollok bniedem li kellu 100 sena b'perspettiva fuq it-tfulija? F'din il-ġabra nsibu poeżija ffullata bit-tfal: subien "inaqqru b'subgħajn ħfief/ ċiċri minn qatta"; "tfal żgħar/ jilagħbu bil-ballun"; "Tifla/ tiġri glorjuża b'bajda"; "Tfal żgħar jilagħbu l-passju"; "tifel b'xemgħa f'idu"; "il-kurżità tat-tfal"; "Tfal/ jiġru jwerżqu" f'Sant Anton; it-tfal joħorġu l-pasturi; tifel jiġri fix-xita b'enerġija li jaħsad lill-bankina; il-logħob tat-tfal fil-baħar. U daqqa jitkellem fuq tfulitu mal-ħamrija (f'p.107 hu tifel), fuq ħuh ċkejken tarbija (f'p.38 hu ħu xi ħadd), kultant fuq ir-rigali kbar u rari ta' bintu ċkejkna (f'p.31 hu missier), u drabi oħra fuq ulied uliedu (f'p.33 hu nannu). Insib 'il fuq minn għoxrin referenza diretta għat-tfal jew għat-tfulija f'din il-ġabra.

**It-tfulija**

Fil-perspettiva tiegħu t-tfulija tidher għandha "dawl tari" u "bla tifkiriet il-ħajja" u ħafna minn dak li se ngħid fuq enerġija u ħajja fit-tfulija huwa magħsur fil-poeżija tiegħu ta' definizzjoni "It-Tfulija".

It-tfulija normalment hija simbolu tal-futur u x-xjuħija tissinjifika l-passat. Imma t-tfulija hija wkoll simbolika ta' dak l-istadju tal-ħajja meta x-xiħ ikun trasformat u jikseb sempliċità ġdida. Il-kunċett tat-tfulija f'din il-poeżija ħafifa donnu xi ċentru mistiku: donnu xi qawwa ta' qawmien żagħżugħ. L-enerġija poetika hija (b'assoċjazzjoni) bħall-ħeġġa ta' tfal ħafjin li "qabel itellqu" f'Diċembru arahom "jonfħu/ nifs sħun ġo ponn magħluq" u minkejja l-"Grigal ġo wiċċhom" li jqanfdilhom xagħarhom ħaddejhom isiru "vampa nar bl-għajta tat-tluq". Il-ġustapożizzjoni ta' Diċembru (simbolu tax-xjuħija) mal-enerġija sħuna tat-tfulija tikxef aspett ta' ruħ ta' tifel erojku lest li jillibera lid-dinja minn xi monstru. Huwa tlaqqigħ li jtellagħna mill-individwu għall-kollettività u jistaqsi: għaliex il-ħeġġa tat-tfulija m'għandhiex tibqa' sal-aħħar?

It-tfulija tisfida lir-riħ u l-poeta jerġa' f'post ieħor idaħħal it-tfulija f'ambjent ta' riħ: "ir-riħ itellaq/ mas-subien fil-pjazza" u fl-istess poeżija nsibu "żewġ subien żgħar" li jistkennu wara ħajt (jiġifieri, jinjoraw ir-riħ) ħalli jżeffnu ballun "fuq il-ponta mittiekla/ ta' żarbun". Ir-riħ jaħdem fuq l-adulti (jimbotta "żewġ sorijiet/ jaqsmu") imma mat-tfal irid jikkompeti ("itellaq/ mas-subien"). Ir-riħ huwa arja attiva u kultant vjolenti (Grigal), u bħala arja attiva jiġi assoċjat man-nifs kreattiv – fil-ħsieb bikri ta' niesna tinsab rabta (kważi spiritwali) bejn riħ u ruħ. Jiġifieri, ir-riħ huwa kkreditat bil-qawwa ta' riġenerazzjoni u fertilità, u allura meta l-poeta jassoċjah mal-enerġija tat-tfal ikun hemm kompatibilità bejn it-tfulija u r-riħ. Għax hemm qawwa fit-tfulija. Biżżejjed kelba tħares "b'ħarsa/ waħda biss/ t'għajnejn tifla raħlija" ħalli tiġbed qalb il-bniedem. It-tfal fi Cremona jidhru qawwa formattiva tal-inkonxju li jrid ikun attiv u (forsi) protettiv.

Fil-poeżija tiegħu jfittex li jkun hu nnifsu: l-anzjan li jħobb it-tfulija u lil martu mejta, u jixtieq iżomm il-memorja ta' dawn it-tnejn ħajja f'qalbu. It-tfulija u martu huma esperjenzi li għadda minnhom u fl-aħħar ta' ħajtu u ta' età kbira xiref ġo fih innifsu sab xenqa kbira li jqajjem l-imgħoddi. Imma f'din il-ġabra mhux l-esperjenzi biss jurina imma l-kwalità wkoll ta' dawn l-esperjenzi hu u jikteb fuq il-ħajja personali u kontemporanja u fuq dak li jogħġbu u li jinteressah. U f'dan it-tiġrib isib il-lingwa biex iwassal l-esperjenzi: irrid ngħid, togħġbu l-lingwa u jilgħab bil-possibilitajiet tagħha ħa jgħaddilna dak li jrid.

#### Ir-rabta ma' martu

Il-poeżija tiegħu, għalhekk, hija ftuħ għall-esperjenzi. Jinqeda bil-poeżija mhux biss biex jagħmel sens mill-esperjenzi tiegħu imma l-aktar bħala mezz biex jinfetaħ għall-esperjenza. U aħna naqrawh biex naraw xi tkun għamlitu lill-poeta l-esperjenza. Nieħdu l-poeżija "Rabta". Qed jitkellem fuq xi ħaġa astratta (ir-relazzjoni tiegħu ma' martu u wliedu) permezz ta' deskrizzjoni. Ma jgħidilniex x'kienet tfisser għalih din ir-rabta, imma jurina x'kienet tfisser: "int jien u t-tlett itfal/ żgħar għadhom qriemeċ" imdawrin b'ambjent sielem u sempliċi b'Karmnu "jixwi l-vopi", "Kemmuna bix-xemx fuqha", u l-"Fliegu mimli". Ħarġu jimxu "taħt sema wiesa'" u bir-riħ f'wiċċhom. U f'dan l-ambjent ir-rabta ssir soda u dan il-fattur jispjegah bħala aqwa minn dik ir-rabta li t-tiben ikollu mal-ħamrija. Bid-dehriet li jagħtina jħalli l-poeżija tgħidilna dak li trid hi – u meta jurina (flok jgħidilna) ikun qed jirrispetta l-intelliġenza tagħna. Il-poeżija tiegħu hija għalhekk, fl-istess ħin, esplorazzjoni jew tiftixa aktar minn xi opportunità biex jivversifika xi ħaġa li nafu diġà. U min-naħa tagħna l-poeżija rridu niskopruha. Cremona jagħġinha b'mod għaqli u bis-sengħa bħalma jagħmel, pereżempju, fil-bidu ta' "Rabta": l-ewwel żewġ kelmiet ("Konna morna") mal-ewwel juru l-għaqda, u l-poeta jaf li aħna se nifhmuhom hekk.

Bosta minn dawn il-poeżiji (li bihom Cremona jesplora l-immaġinazzjoni tiegħu) jiġbduna lejn punt fokali (eż. "Għalqa Mibnija", "Tfal Wara l-Għawm", "Weraq f'Ħawt") u jagħtu tiżwiqa ta' ħlewwa u tenerezza u qawwa fir-riflessjoni tiegħu. Jistidinna nidħlu fix-xeni soċjali u ġeografiċi tiegħu, noqogħdu ħdejh, u nħarsu b'għajnejh u nsibu li ż-żmien, il-post, u l-bniedem jispikkaw bħala temi ewlenin f'dawn il-poeżiji. Fuq kollox jagħti kas il-mixja ritmika u l-arja tat-ton. Dan kollu jidher mil-lingwa u l-forom ta' bosta minnhom. Għax il-poeżija ta' Cremona hija waħda li mal-liriċità żżomm kuntatt sew ma' art ir-realtà tant li turi solidarjetà mal-kultura ta' pajjiżna b'kunċetti bħall-bigilla, it-tajra, il-vari, il-persjani, il-ħobż biż-żejt, il-luzzijiet, ir-raċanċ, il-pasturi, u l-passju. U poeżija bħal "Is-Seminarju t'Għawdex" insibuha mibnija fuq din il-kultura lokali.

L-użu tal-espressjoni ta' kuljum għandu raġuni artistika fi Cremona għax l-iskop letterarju huwa li din il-lingwa jagħmilha ġdida. Il-lingwa familjari ("ħanini", "il-ġurnata t-tajba", "lilek ukoll", "mel'isma' minni", "emminni") għamilha tgħix mill-ġdid. Irrid ngħid li l-użu tal-espressjonijiet konverżazzjonali jindika l-importanza emozzjonali ta' dak li kien ikun qed jitkellem fuqu.

Kultant inħoss li l-poeżija ta' Cremona hija ċelebrazzjoni ta' relazzjoni ma' martu. Fl-interpretazzjoni tiegħi wkoll insib tifsir ta' solitudni mxerred f'diversi postijiet, u meta t-tifsir jinġema' u jitlaqqa', jitfaċċa stil mentali ta' poeta b'sentiment intensiv li jeħtieġ il-kreattività u li jaf kif jinnormalizza l-esperjenza. F'idejh il-poeżija saret esplorazzjoni jew att ta' sejbien b'ħila li wassal id-dettall fil-qosor u ħalla l-figurattiv jitkellem permezz tad-dettall.

**SE NĠONĠI**

Se nġonġi t-trufijiet, u nagħmel għoqda
li forsi ma tinħallx, u nserraħ rasi
li nista' forsi niġbed bla tinqata',
ukoll jekk jiġbdu b'saħħa oħrajn miegħi.

Għax wasal żmien li rrid nissogra u nidra,
u nimxi fuq l-għoqdiet li għaqqadt darba
mingħajr ma nibża', nafda lili nnifsi
li t-trufijiet għaqqadthom sew, jifilħu
biex jien niddendel għad mill-preċipizju.

**CHARLES BEZZINA**

**IT-TOROQ BAĦĦ**
**(Miktuba f'jum id-Duluri, 3 t'April 2020, meta Malta kienet maħkuma mill-Coronavirus)**

Illlum il-festa tad-Duluri.
Bħal-lum toħroġ il-vara
u magħha n-nies bi ħġarha.

'Mma llum it-toroq baħħ bi prekawzjoni
għax virus aggressiv ħabat għalina
u biża' kbir u diqa sawwab fina.

Lil hinn minn Malta l-virus diġà qered
ħajjiet b'għaxriet t'eluf,
u x'qed jinħem'għalina fil-ġejjieni
s'iss'għadu mhux magħruf.

'Mma żgur li b'din id-diqa frott il-biża'
l-istar tal-futur moħbi ma nċarratx
Hi t-Tama li id f'id qed tpassi miegħi
li f'qalbi qiegħda tferra'  ftit kuraġġ.

**CARMEL G. CAUCHI**

**REBBIEGĦA, SAJF U XITWA**

L-ewwel blanzun, immaġina, ta' mħabbtek.
Bl-estasija ta' qalbek tfittex sieħba.
Dirgħajk miftuħa jduru mal-univers
biex jgħannquh fil-ftuħ ta' din ir-rebbiegħa.

Imbagħad tibda tikber, tibda tingiref
fuq ħaddejk rożajċi jwarrdu bil-fwieħa.
Issa l-ward u ż-żahar jixxerred mal-imrar.
Tidħol bil-mod fis-sajf tal-esperjenzi.

In-nar dan - bix-xrar itir ta' żgħożitek.
Tfajliet, tiekol li trid, iddum imqajjem
sas-sigħat bikrin ta' ħajja bla skeda ...
sa ssib is-sieħba żżoqq il-frieħ fil-bejta.

Issa s-sġajra ta' darba saret siġra.
Siġra goffa mtaqqla bi frottok misjur.
Martek telqet, uliedek taru, waħdek.
Bħax-xemx għodwija jiddi l-ġmiel ta' ruħek.

Iż-żgħar u ż-żgħażagħ għandek għall-pariri:
xwejjaħ jiċċelebra x-xitwa ta' għerfu,
jiekol bil-qies u jitħaddet bil-galbu,
jistenna s-siegħa li jtir fl-ikħal smewwi,
u ċirku komplut jissawwar bil-kumpass.

**CARMEL SCICLUNA**
**(mill-manuskritt *Solve et coagula*)**

**SFIDAJT IL-PANDEMIJA**

Kif xrift mill-bieb 'il barra
u rajt it-temp sabiħ,
bix-xemx sħuna fuqana,
u żiffa ħelwa riħ,
sfidajt il-pandemija
fil-beraħ tal-madwar,
biex neħles ftit mill-jasar,
li żammni skjav id-dar.

**CHARLES MIFSUD**

**L-ARLOĠĠ**

Itektek bla mistrieħ,
bil-ħin jibqa' għaddej;
lil ħadd ma jistenna;
jaħdem aktar minn qaddej.

Allaħares jieqaf,
għax xejn ma jispiċċa;
jibda bla ma jasal
it-tmiem twil ta' xi biċċa.

Juri bl-idejn tiegħu
mat-tidwir tar-roti;
siegħa, bil-minuti,
kultant b'xi ħoss ta' noti.

Bil-ħin miexi tiegħu,
żmien ħalla li kien fih;

sew sabiħ jew ikrah
li tefa' fuq jew fil-qiegħ.

Ifakkar mat-tokki,
ħsieb li tqiegħed fir-ras;
biex jitlaq jew jieqaf;
meta tiegħu tkun tajt kas.

Fuq kollox dan hu mezz,
li juri tul ta' jum;
mis-sbieħ sa ma dalam
u tibda taħseb biex tqum.

Jekk wieħed moħħu fih,
il-ħin qatt ma jgħaddi;
għalih donnu weħel;
bla ħaġa qatt ma tgħaddi.

**JOSEPH BONNICI**

**A SOLDIER'S HEART**

While the world falls silent.
While nature breathes.
You can forget all about me.
Like a dream that never was.

I can move now.
To the path of silence.
To the sun making love to the Moon.

I am leaving behind the hopes.
The waves looking at us.
No more tears, blurring the moon.
Or lying in the sun.
Waiting.

You can forget all about us.
Maybe one day someone will give you a white flower.
And you  mourn  all that you were.
That has been taken by you.
Souls.
I am away now.
One night under the crescent Moon.
I dance to the ballad that was once for us.

**MARY ANN ZAMMIT**

**ILLUM F'WIED ĦESRI** *

Mal-firxa tal-wied
tisraqni l-ħmura tas-sejjieħ
u ħarsti tieqaf fuq ir-rummiena
tistenna t-tfaqqigħa tal-ewwel sajjetta.

Qalb is-siġar saqajja jterrqu
fuq ħamrija li nesiet l-ewwel tixriba,
bl-għasafar mistagħġbin bija
xi dħalt nagħmel fl-għalqa tagħhom.

Hawnhekk ħsibijeti jinħallu, moħħi jeħfief
ruħi toħla bil-kobor tas-smewwiet
sakemm nisma' tfaqqigħa
mhux ta' sajjetta, lanqas ta' rummiena.
Imbagħad nara kaċċatur jiġri jwieżen senter
u tal-kaċċa jilħqu qablu.

Jitqal moħħi dak il-ħin, jinxef ħsiebi
nħares lejn is-sema u nara
tajra mit-tjur li jsebbħu s-smewwiet
fl-idejn bla qalb ta' kaċċatur/battitur
U jien nistaqsi għaliex?!

* **is-Siġġiewi**

**MARIO ATTARD**

**TRUST**

I will trust,
through darkness, light,
in fallen suns
beyond the night.

I will trust,
when in claws of pain,
the Word
which makes me whole again.

I will trust,
in bitter grief,
acceptance of
the fallen leaf.
And though I find
my heart in tears,
I'll trust the month,
I'll trust the years.

I'll trust the Bread of Life,

the anointing oil,
the Holy Lord….
the quiet Love….
And will of God.

**JOHN CONSIGLIO**

**-IĊIDJU**

Għajnejha ma ħarrkithomx
minn fuqu jimmutettja.
Taf kemm qrunu jċarrtu l-laħam tari
tan-nisa vulnerabbli.
Kemm, dufrejh, iċarrtu l-vini..

Għajnejh infafet jiffjammaw
bil-ħorma tat-taqbida.
Jaf kemm ilsienha taf issinn
fuq il-mola tal-inġurja.
Kemm jaqta'. Kemm ifellel.

Għajn għal għajn u sinna għal sinna.
Il-ħġieġ meqjus imkisser jekk jiġġelġel.

**THERESE PACE**

**SMAJTEK**

Smajtek tkellimni fil-kalma tad-dalma,
x'ħin torqod il-ħajja ħa tieħu l-mistrieħ.
Leħnek wasalli mimdud fuq l-imħadda.
Kliemek b'tant ħlewwa u b'noti tant sbieħ.

Smajtek fil-għodwa x'ħin bexxaqt għajnejja,
u sibt li kont tajtni jum ieħor bla jedd.
U smajtek tberikni bħal meta beriktni
fil-lejl ta' qabel, kif dħalt biex nimtedd.

U baqa' dak leħnek f'kull pass li bdejt nagħti,
jgħidli f'widnejja kemm tħobbni kif jien.
Kemm Int mimli ħniena minkejja dnubieti.
Kif qatt ma titlaqni: qatt, qatt u imkien.

Smajtek x'ħin waħdi kont miexi fil-ġonna,
qalb għana t'għasafar; qalb fjur b'bosta lwien –
il-mera ta' ġmielek u l-eku ta' mħabbtek!
Inti li togħxa tgħannaqni f'kull żmien.

Smajtek fil-ħemda u l-ġabra ta' darek,
kif tistennieni kuljum fuq l-altar.
Smajtek tilqagħni b'dak kliemek ta' għożża,
kif sawwabt fuqi, bla għadd, grazzji kbar.

Ibqa' semmagħli dak leħnek tant ħlejju.
Ibqa' ħeġġiġni b'dak kliemek sabiħ.
Ibqa' qawwini ħa nħaddan is-sewwa.
Ibqa' seddaqni ħa nroddlok kull ġieħ.

**PIJU SPITERI**

**SIRT NAF**

Waqaft mis-smigħ tal-miti
u l-qari tal-graffiti.

Bdejt nisma' l-esperjenzi
ta' dawk li kienu ħdejja.
Bdejt naqra bejn il-linji
l-uċuħ tan-nies għaddejja.

Sirt naf li fl-esperjenzi
hemm l-eku ta' xi miti
u fhimt li fil-fattizzi
hemm dell ta' xi graffiti.

**ĠORĠ BORG**

**LEJL BLA RQAD**

Twil dal-lejl, Mulej,
twil dal-lejl bla rqad.
Martell fuq inkwina
tħabbat din qalbi muġugħa;
ħadida mikwija dan moħħi mimli thewdin.
Il-minfaħ għaddej bla hedu
u b'dil-ħadida tikwi l'għandi f'idi
nixtieq insawwar warda ħamra
biex ħajti nfewwaħ b'tama rżina
ħa ninsa x-xewk li nħossu jdur madwari
f'dax-xagħri fejn is-sema tgħatta
bi sħab sewdien jhedded bil-maltempati.
Twil dal-lejl, Mulej,
twil dal-lejl bla rqad.
Taqqalli dawn għajnejja,
ħallimni sema safi
u ramla fejn nistrieħ
biex nisma' t-tmellis ħelu
tal-mewġa tinbixli saqajja.

**JOHN MALLIA**

**CONNECTION**

Her deep eyes talk
conveying much to hear
whenever I see her fading
sepia image from years ago

I simply strive to decipher
and then try finding words
to articulate what is heard
in the serenity of her silence.

**RAJENDER KRISHAN**
***L-Indja***
**(minn *Amma's Gospel*, 2020)**

**DEVO**

Devo entrare dentro di me
per liberarmi del "*devo ma non posso*".
Devo slacciarmi
dai gangli che sbarrano il mio passo.
Devo spegnere
la noia che decelera il mio corso.
Devo sputtanarmi, sverminarmi, sterrarmi.
Devo piangere
lacrime di coccodrillo
per sorridere a questo incesto.
Devo piantare
semi di erba tossica
per reggere l'oblio.
Devo scatenarmi, configurarmi, resettarmi.
Devo riempire
i vuoti che ingombrano il mio orizzonte.
Devo imbrigliare
le stelle per trovare un po' di luce.
Devo ribaltare l'assioma
"*Il quadrato costruito sull'ipotenusa*
*è pari ai quadrati costruiti sui due lati*".
Devo svuotarmi
dell'io
che inquina la mia mente.
Devo assaporare
la polvere che sollevano le mie scarpe
per sprofondare
nelle sabbie immobili del tuo cuore.

**SALVATORE NAPPA**
***L-Italja***
**(minn *Fiori di luce*, Volturnia Edizioni, 2020)**

**MY MOTHER'S SECOND SKIN**

My mother's second skin was Mediterranean.
Sharing its secret life she swam deep
across the bay, slipping grandfather's gaze
and met her lover on the other side.

This final night I listen to her breathing waves.
Crushed shells shifting past each other, hushed
in backwash as the tide withdraws... though a
[restless
swell still reaches, now and again
for the unattainable permanence of shore.

Her coastline, my beach, the ground of my being
is surrendering grain by grain, leaving land's hold
going back to the sea, meeting my father again.
My last link with this island is slipping away
and returning home will never feel the same.

**ANNAMARIA WELDON**
***L-Awstralja***
**(minn *Stone Mother Tongue,* UWA Publishing , 2018)**

**ABSENCES**

Perhaps you send messages
to the naughty feet of the waves?
Maybe the morning veils itself as it falls
over the elusive head of the almond tree?
By chance you may hear the rumor of the moss
through the silent blackbird of blood,
through the tedious and weathered moon
on the cold walls of insomnia?
Questions,
just questions that witness
the absences of light,
the abandonment of joy.

**ISABEL MARTÍNEZ BARQUERO**
***Spanja***
**(mill-ktieb *Lunas de Ausencia*, 2016,**
**poeżija adattata għall-Malti minn Stephen Cachia)**




### *IL-FILOSFU TAT-TRIQ*, Ġabra ta' poeżiji ta' Fredu Cachia, 2020

Din hi ġabra minn Malti li twieled f'Ħaż-Żebbuġ f'nofs is-seklu 20 u li emigra lejn Melbourne fl-Awstralja fl-1960. L-imħabba tiegħu lejn il-Malti baqgħet, tant li apparti kittieb ta' versi huwa wkoll għannej u daqqaq folkloristiku bil-kitarra. Dawk tiegħu huma versi ferrieħa, ċajtiera u satiriċi, li jintrabtu mal-ħajja ta' kuljum flimkien mal-bnedmin u l-annimali, il-frott, il-ħxejjex u dak kollu madwaru. It-titlu tal-ġabra jinsisti fuq il-fatt li bħala osservatur Cachia jirrifletti fuq kulma jara. Huwa jara fil-ħolqien wirja diretta ta' Alla fost il-bniedem. Dawn ta' Cachia huma poeżiji li jvarjaw fil-forma. Fl-ewwel taqsima - "Mill-Beraħ tal-Ħsieb" - hemm mat-68 kitba li tħaddem il-vers ħieles u tintrabat anki ma' avvenimenti mill-iktar kontemporanji (inkluża l-pandemija). Laqtuni fost oħrajn *Sinfonija Maltija*, *Lill-Vrus Maltin* u *Miet fi Żmien il-Coronavirus*. Fit-tieni taqsima - "Għana u Taqbiliet" - insibu mal-14-il taqbila tal-għana li huma miktubin f'forma regolari bħalma huma l-kwartini u l-vers mużikali tal-ottonarju. Tinħass ukoll l-imħabba tal-awtur lejn il-festa tal-Imnarja. Il-ktieb għandu Daħla qasira minn Clemente Zammit.




### *RUĦU DEJJEM TFITTEX - CHARLES CASHA MGĦALLEM GĦALLIEL*, ta' Charles Briffa, KKM, 2020

Dan il-volum ikompli s-serje ta' monografiji li Charles Briffa qed jiddedika lil numru ta' kittieba Maltin fosthom Oliver Friggieri, Victor Fenech, Mario Azzopardi u Joseph Vella Bondin. Dan il-ktieb ta' 200 paġna jinqasam f'għaxar taqsimiet flimkien ma' konklużjoni u parti tal-aħħar fejn hemm inklużi biblijografija u numru ta' ritratti bil-kulur. Fost l-aspetti li Briffa jittratta hawn insibu: Charles Casha bħala bniedem, għalliem-kittieb-awtur, awtur tat-tfal, drammaturgu, rumanzier, novellist, poeta u awtobijografu. Fl-ewwel żewġ taqsimiet Briffa jagħtina saġġi dwar il-kritika investigativa, l-arti tal-proża u tal-poeżija, u dwar is-sitwazzjoni testwali u l-istil mentali ta' Charles Casha. Interessanti wkoll is-siltiet qosra li Briffa jieħu minn kittieba u personalitajiet differenti biex jintroduċi kull kapitlu, fosthom *quotes* minn Milan Kundera, Salman Rushdie, Thomas Hobbes, Oscar Wilde, Penelope Lively, T.S. Eliot, Alasdair MacIntyre, Jimi Hendrix, Robert Frost, René Descartes, u Virginia Woolf. Fil-ktieb insibu wkoll tabelli, listi kronoloġiċi u taqsim tematiku li jagħmluh aktar interessanti u siewi.




**_OTELLO_ ta' William Shakespeare, maqlub għall-Malti minn Alfred Palma, 2020**

Dan huwa t-tlettax-il dramm li Alfred Palma qaleb għall-Malti u ppubblikah, din id-darba bil-għajnuna tal-Fond Malti tal-Ktieb. Palma għandu iktar drammi ta' Shakespeare diġà lesti għall-pubblikazzjoni u minn hawn nawgurawlu li jerġa' jsib iktar għajnuna biex joħroġhom għad-dawl bl-ilsien Malti. Fid-Daħla għal dan id-dramm f'ħames atti, Palma jispjega li Shakespeare ibbaża l-ġrajja ta' Otello fuq ġabra ta' stejjer tal-aristokratiku u professur tal-Filosofija Taljan, Giraldi Cinthio. Hu dramm li ttella' għall-ewwel darba fl-1604, u hu wieħed mill-erba' traġedji kbar ta' Shakespeare. Hi ġrajja ta' mħabba, intriċċi varji, tradiment u għira, bi tmiem imdemmi u traġiku, għalkemm l-atmosfera hi romantika u patetika. Palma bidel id-dekasillabu oriġinali fl-Ingliż għall-endekasillabu fil-verżjoni Maltija. Minkejja li dramm fih poeżija sublimi. Hawn nistgħu naqraw bil-Malti - u l-ħlewwa tiegħu - dwar il-ġrajja ta' Otello, simbolu tal-imħabba, id-djaboliku Jago, u l-vittma Desdemona, kollha simbolu tad-dgħjufija umana.




**_L-EKONOMIJA F'ILSIEN IX-XJENZA U L-FILOSOFIJA_, ta' John A. Consiglio, Faraxa Publishing, 2020**

Dwar l-ekonomija ftit li xejn għandna kotba bil-Malti, u dan huwa ktieb b'differenza. Huwa studju li jeżamina ħafna ideat, prinċipji, prattiċi, argumenti u kunċetti dwar il-ħsieb u l-ħajja ekonomika. Il-metodu huwa dak ta' analiżi u interpretazzjonijiet ta' mġiba ta' parteċipanti, imsejħa l-istakeholders. L-analiżi hija fuq kollox f'forma mhux biss predominentement filosofika, iżda li spiss tirrikorri wkoll għal għodda mid-dinja tax-xjenza, tal-inġinerija u tat-teknoloġija. Għal żmien twil kemm ekonomisti kif ukoll filosofi fittxew tweġibiet għal mistoqsijiet inkwetanti dwar jekk it-teorija ekonomika, kif komunement mibnija, hix strument utli u siewi biżżejjed għall-akkwist ta' miri soċjali ta' kull tip. L-awtur hawnhekk jikkunsidra l-kunċett innifsu ta' dawn il-miri, u l-possibilità li rikostruzzjoni tat-teorija ekonomika fid-dawl ta' analiżi soċjofilosofika, tista' tirrendiha għodda aħjar lejn miri soċjali. Din id-diskussjoni hija waħda intensiva u profondament kritika, u titlob mill-qarrej livell għoli ta' impenn jew sforz intellettwali.




**_IL-WAQGĦA_ ta' Albert Camus, maqlub għall-Malti minn Toni Aquilina, Faraxa Publishing, 2020**

*La Chute* hu rumanz qasir tat-tip filosofiku li oriġinalment kellu jkun parti minn ġabra ta' novelli twal li l-awtur kellu f'moħħu li jippubblika taħt l-isem ta' *L'Exil et le Royaume*, li Toni Aquilina ttraduċa bit-titlu *Turufnament u Saltna*. Dan ir-rumanz għen biex Camus kiseb il-Premju Nobel għal-Letteratura fl-1957. Hawn naqraw f'serje ta' monologi drammatiċi l-qrara ta' Jean-Baptiste Clamence, avukat difensur sinjur ta' 40 sena u minn Pariġi, li quddiem il-mewta traġika ta' mara li qabżet fix-xmara Seine ma għamel xejn. Hu test maqsum f'sitt sekwenzi li jikkorrispondu għal ħamest ijiem konsekuttivi fejn Clamence 'iqerr' mal-interlokutur u jistqarr li l-professjoni tiegħu fil-preżent mhix ta' avukat imma ta' "juge-pénitent", mela dak li jistqarr dnubietu. Clamence jistqarr ukoll li fl-imgħoddi kien seraq opra tal-arti ta' Van Eyck, bit-tama li jiġi arrestat u jtemm l-istat miżeru li kien jinsab fih. Ironikament dak li jkun qed jisma' dan kollu jkun avukat hu nnifsu, u wieħed jifhem li Clamence ser ikollu jirrakkonta n-nuqqasijiet tiegħu mill-ġdid, *ad infinitum*.




**_TGĦANNIQ IEĦOR. POEŻIJI MILL-IŻOLAMENT_, Edituri K. Azzopardi, S. Inguanez u J.P. Portelli, Horizons, 2020**

Il-pandemija ġabet realtà ġdida li ħadd minna, apparti l-ġenerazzjonijiet l-aktar anzjani, qatt ma għex. Id-distanzi fiżiċi ta' bejnietna żdiedu. Il-jiem qatt m'għaddew aktar bil-mod. Il-bibien ingħalqu għal iktar minn tliet xhur u oħrajn ingħalqu għal dejjem. Min-naħa l-oħra żdiedu l-atti ta' kuraġġ u solidarjetà soċjali, inbnew pontijiet ġodda u bdejna nqattgħu iktar ħin flimkien. Il-poeżiji miġburin hawn huma espressjoni estetika ta' dawn ir-realtajiet u espressjoni kontra l-iżolament. Huma 93 poeżija miktubin minn 42 poeta differenti, nisa u rġiel, stabbiliti u emerġenti. Fil-ktieb hemm inklużi Nota Editorjali, Daħla minn John P. Portelli, u taqsima ddedikata lin-Noti Bijografiċi fl-aħħar. Hija antoloġija ddedikata lill-Prof. Oliver Friggieri li kien wieħed mill-kontributuri. Wieħed jinnota varjazzjonijiet fl-istili u fit-temi ladarba nsibu poeżiji tradizzjonali, oħrajn Moderni u post-Moderni, kollha xhieda tal-varjazzjonijiet fir-risponsi u fl-espressjonijiet tagħna matul dan iż-żmien ta' iżolament, tensjoni u kuntradizzjonijiet. Id-dħul minn din l-antoloġija jmur għal finijiet filantropiċi. Ħajr lil Horizons.




***MIX-XAQLIBA TA' DAR SWANN - ISMIJIET TA' PAJJIŻI: L-ISEM*** **ta' Marcel Proust, tradott għall-Malti mill-Franċiż minn Paul Zahra, 2020**

Hawn it-traduttur Malti Paul Zahra qed jagħtina t-tielet u l-aħħar parti ta' *Du côté de chez Swann / Mix-Xaqliba ta' Dar Swann*, jiġifieri tal-ewwel volum mis-seba' volumi ta' *À La recherche du temps perdu / Għat-Tfittixija taż-Żmien Mitluf*. Din hija l-iqsar parti tar-rumanz u tibda billi turina li sempliċi evokazzjoni tal-ismijiet tal-ibliet li l-awtur Proust/in-narratur Marcel jirreferi għalihom bħala pajjiżi (bħal Balbec, Firenze, Venezja u Parma), hi qawwija tant li tqanqal l-emozzjoni u l-immaġinazzjoni tan-narratur. Huma postijiet li Marcel joħlom li għad iżur imma għal dan kellu jistenna minħabba saħħtu. Intant ikollu jikkuntenta b'passiġġati fix-Champs-Elysées fejn jiltaqa' għal għarrieda u għal darb'oħra ma' Gilberte, bint Swann, u jħoss titwieled mill-ġdid imħabbtu lejha. Din hi mħabba pura tat-tfulija li aktar tikkawżalu anzjetà milli sodisfazzjon. Dan kollu fl-ispazju ta' 57 paġna mwassal lilna permezz tal-isbuħija ta' lsienna, il-Malti.




***TARĊISJU ZARB - STUDJI KRITIĊI. IT-TIENI VOLUM*****, imħejjija minn Andrew Sciberras, 2020**

F'dan it-tieni volum ta' kważi 200 paġna Andrew Sciberras jerġa' jiġbor aktar xogħlijiet ta' natura kritika mill-pinna ta' Tarċisju Zarb. Din id-darba nistgħu naqraw saġġi ta' natura kritika dwar tnax-il kittieb Malti li jintrabtu ma' oqsma bħalma huma l-poeżija, it-teatru, u r-rumanz. Din id-darba mela Zarb jikteb dwar kotba partikolari ta' Pawlu Aquilina, Rużar Briffa, Francis Ebejer, Joe Friggieri, Oliver Friggieri, Maria Grech Ganado, Alfred Grech, Carmel Mallia, Ġużè Ellul Mercer, Alfred Palma, Marlene Saliba u Frans Sammut. Il-ktieb għandu wkoll Introduzzjoni mill-pinna ta' Andrew Sciberras fejn jagħtina ħarsa ġenerali lejn skejjel ta' kritika differenti minn perspettiva kronoloġika. Ktieb bħal dan ikompli jagħni lill-Ilsien Malti filwaqt li jintroduċi lill-qarrej ambizzjuż għal tip ta' kitba li tistieden għall-analiżi letterarja profonda u xjentifika u b'hekk tgħinu jirrifletti u jitgħallem hu stess jara liema elementi jagħmlu xogħol letterarju tajjeb jew le.




**_MALTESE MIGRATION IN TUNISIAN COASTAL TOWNS (1836-1844)_, ta' Arnold Cassola, Morrone Editore, 2020**

Cassola jkompli jagħtina l-frott tar-riċerki tiegħu f'dan il-ktieb ta' 137 paġna. Din id-darba ningħataw tagħrif dettaljat u mwassal b'mod metikoluż dwar l-eluf ta' Maltin li mill-1830 'il quddiem emigraw lejn l-Afrika ta' Fuq, partikolarment lejn Tunes u l-madwar flimkien ma' bosta bliet kostali. L-ewwel li waslu kienu jaħdmu fil-qasam tal-biedja jew tas-sajd. Cassola jagħtina lista ta' kunjomijiet  ta' immigranti Maltin li għexu fi bliet kostali bħal Sousse, Monastir, Mahdia, Sfax , Djerba u Moknine, fil-perijodu bejn l-1836 u l-1844. Dan jagħmlu billi jinvestiga r-reġistri bikrija tal-magħmudija, żwieġ u mwiet li jinsabu fil-parroċċa Kattolika ta' St. Felix f'Sousse.  Interessanti l-fatt li għall-ewwel il-Maltin hawn kienu jiżżewġu bejniethom stess, imma biż-żmien bdew jiżdiedu ż-żwiġijiet mħallta u l-Maltin ta' ġenerazzjonijiet iżgħar ħassew iktar b'saħħitha l-identità Tuneżina filwaqt li bired is-sentiment patrijottiku oriġinali. Dan kollu jirrifletti dak li kien qed iseħħ f'postijiet oħra kull fejn kien hemm fluss ta' immigranti.




**_BAĦAR IL-MEWT U REĊTI OĦRA GĦALL-ISTUDENTI_, ta' Mario Azzopardi, Merlin Publishers/Aġenżija Nazzjonali tal-Litteriżmu, 2020**

Din hija ġabra ta' 20 reċta immirata għall-istudenti tal-iskejjel sekondarji. Mario Azzopardi, li għandu esperjenza u rabta kbira mad-dinja tat-teatru, jagħti xeħta drammatika lil numru ta' poeżiji magħrufin (miktubin minn Karmenu Vassallo, Ružar Briffa, Ġan Anton Vassallo, Ġużè Delia, Anastasju Cuschieri u Anton Buttigieg) u juri kemm għadhom relevanti anki fiż-żminijiet tal-lum. Huma mikro-drammi li joffru opportunitajiet għal diskussjoni ladarba l-istudenti jingħataw rwol attiv billi jipparteċipaw u joħolqu dibattiti dwar aspetti soċjali li jolqtuhom mill-qrib. L-għan tal-ġabra hu li jinħoloq sens kritiku fost l-istudenti imma anki li jitgħallmu kif jisimgħu aktar minn perspettiva waħda, u anki jekk ma jaqblux magħhom, jaċċettaw ħsibijiet differenti, biex fl-aħħar tinħoloq atmosfera ġenwina ta' tagħlim li tħalli l-marka pożittiva tagħha. Dan jintlaħaq biss permezz ta' għalliema kreattivi li jemmnu f'tagħlim interattiv. L-awtur joffri anki xi punti għad-diskussjoni wara numru ta' reċti. Aktar dwar dan f'ħarġa oħra ta' IL-PONT.




### *BL-GĦASLUĠ TAL-ĦSIEB: DUN KARM, LA JIXJIEĦ U LA JMUT*, ta' Charles Briffa, MUP, 2021

Din is-sena Dun Karm Psaila (1871-1961) jagħlaq 150 sena minn twelidu u 60 sena minn mewtu. Biex tfakkar il-ħidma għammiela tal-Poeta Nazzjonali l-Malta University Publishing ħarġet *Bl-Għasluġ tal-Ħsieb: Dun Karm, La jixjieħ u la Jmut* mill-pinna tal-Professur Charles Briffa. Dan hu ktieb li għandu jinqara sabiex nifhmu aktar il-qawwa ta' Dun Karm.

*Bl-Għasluġ tal-Ħsieb: Dun Karm, La Jixjieħ u la Jmut*, huwa mixja analitika ta' ġieħ għax juri l-kisbiet kbar kreattivi u intellettwali tal-Poeta Nazzjonali. Dak li jippreżenta dan il-ktieb huma suġġerimenti ta' kif il-poeżija Dunkarmjana tista' taħdem fuqna. Dawn is-suġġerimenti mhumiex esklużivi, imma jistgħu jiġu ċċalinġjati jew jinbidlu; u forsi wkoll wieħed jista' jibni fuqhom.

Jingħata nebħ ta' kif wieħed jista' jikkonċettwalizza għala nistgħu nsibu l-poeżija ta' Dun Karm siewja għalina llum. Minn dak li qed jiġi ppreżentat, il-qarrejja għandhom jintebħu li l-qari u r-riċerka (li kull qarja titlob minnhom) huma alleati ta' xulxin. Aktar ma wieħed isir jaf kif taħdem il-poeżija ta' Dun Karm, aktar wieħed jinfetaħ għall-effetti li jista' jkollha. B'qari rriċerkat, il-poeżija ta' Dun Karm tistagħna u l-qarrejja jkunu aktar involuti fiha. Il-qari analitiku juri li l-letteratura ta' Dun Karm tinqeda bl-użu ta' lingwa, xbihat, u ideat li huma mirqumin u xirqin.

Il-poeżiji ta' Dun Karm jinħassu li huma maħdumin bl-akbar sengħa, u bosta minnhom iwassluna għall-introspezzjoni għax iġagħluna naħsbu fuq il-ħajja b'mod differenti mis-soltu. Anki meta Dun Karm jibni poeżija fuq xi tensjoni, fiha naqraw ħjiel tal-kumplessità tat-tiġrib uman. Għalhekk il-ġabriet tal-poeżiji tiegħu narawhom bħala għerf akkumulat fuq il-bniedem, għall-bniedem, u mill-bniedem.

F'dan il-ktieb hemm traduzzjoni friska tal-"Jien u Lilhinn Minnu" għall-Ingliż li kienet inqrat u ġiet diskussa Londra f'seminar fuq "Maltese Literature in Translation" fit-13 ta' Ottubru 2015, bħala parti mit-tnedija ta' *This Fair Land* (Francis Boutle Publishers, London).

Il-qarrej hu mogħti tagħrif dwar il-profil ta' Dun Karm (familtu, it-tfulija u ż-żgħożija, l-edukazzjoni u l-karriera, il-karattru, fejn kien joqgħod, u pubblikazzjonijiet tiegħu), l-istil mentali tiegħu, il-ħidma letterarja tal-poeta (bħala traduttur, rakkontatur, lessikografu, kritiku letterarju u poeta nazzjonali), id-dinja ta' Dun Karm (tbeżbiża lill-bniedem, l-ekopoetika tiegħu, it-tiġrib soċjali u l-ħsieb bħala eżistenza), Dun Karm bħala poeta tal-baħar (inklużi partijiet dwar il-karattru ta' San Pawl il-Baħar u l-karattru ta' San Ġiljan), u l-istrateġija psikostilistika li jħaddem.

Il-Professur Charles Briffa għallem fl-Università ta' Malta, u huwa kritiku letterarju, studjuż tal-Malti, u traduttur. Kiteb bosta kotba oħrajn fuq ix-xogħlijiet letterarji ta' awturi Maltin. Ixandar ukoll ħafna sensiliet fuq ir-radju u t-televixin fuq il-lingwa u l-letteratura.